

Rapport Speċjali

Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali – saru sforzi biex jingħata segwitu għar-rakkomandazzjonijiet, iżda jeħtieġ li jkun hemm monitoraġġ aħjar

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)



4
1977 - 2017



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha f'dak li jirrigwarda oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla III, li hija mmexxija minn Karel Pinxten, Membru tal-QEA, u li hija responsabbli għall-awditjar tal-oqsma ta' nfiq ta' azzjoni esterna, sigurtà u ġustizzja. L-awditu tmexxa minn Ville Itälä, Membru tal-QEA, b'appoġġ minn Turo Hentilä, Kap tal-kabinet; Helka Nykänen, Attaché tal-kabinet; Beatrix Lesiewicz, Maniġer prinċipali; Kristina Maksinen, Kap tal-komputu. It-tim tal-awditjar kien magħmul minn Balázs Kaszap, Jiri Lang u Erika Söveges.



L-ewwel ringiela: Ville Itälä, Kristina Maksinen

It-tieni ringiela: Helka Nykänen, Turo Hentilä, Beatrix Lesiewicz, Erika Söveges, Jiri Lang, Balázs Kaszap

WERREJ

	Paragrafu
Akronimi u Abbrevjazzjonijiet	
Sommarju Eżekuttiv	I - VI
Introduzzjoni	1 - 29
Dwar il-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE	1 - 7
Ir-rwol tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-indipendenza tal-MOE tal-UE	8 - 11
Qafas legali u amministrattiv għall-MOE tal-UE	12 - 17
Finanzjament tal-MOE tal-UE	18
Relazzjoni mal-OSKE	19
L-istruttura ta' MOE tal-UE u ċ-ċiklu ta' osservazzjoni elettorali	20 - 25
Rakkomandazzjonijiet u segwitu għall-osservazzjoni elettorali	26 - 29
Ambitu u approċċ tal-awditjar	30 - 39
Osservazzjonijiet	40 - 117
PARTI I – Ir-rakkomandazzjonijiet tjiebu fi snin reċenti, iżda hija meħtieġa aktar konsultazzjoni fuq il-post	40 - 66
Ir-rakkomandazzjonijiet huma aktar kumparabbli u l-preżentazzjoni tagħhom hija aktar standardizzata, iżda l-linji gwida ma jiġux segwiti dejjem	41 - 55
Il-MOE tal-UE ltaqgħu mal-partijiet interessati b'mod estensiv qabel Jum l-Elezzjoni, iżda ma kkonsultawhomx dwar ir-rakkomandazzjonijiet	56 - 66
PARTI II – Intużaw djalogu politiku u assistenza elettorali b'ħala għodod għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, iżda l-EFMs ma twettqux spiss daqs kemm setgħu	67 - 97
Djalogu politiku seħħ, iżda ċerti korpi tal-pajjiżi ospitanti jixtiequ li ssir aktar diskussjoni	71 - 83
L-EFMs ma twettqux spiss daqskemm setgħu	84 - 88
L-assistenza elettorali appoġġat l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE	89 - 97

PARTI III – Ma teżistix stampa ġenerali ċentralizzata tar-rakkomandazzjonijiet u l-istatus ta’ implimentazzjoni tagħhom	98 - 117
Ma hemmx depożitarju ċentralizzat għar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE	99 - 104
Ma hemmx valutazzjoni sistematika tal-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet	105 - 113
Twettag eżerċizzju ta’ prattika tajba reċentement, iżda l-proċess ta’ tagħlimiet meħuda ma jkoprix is-segwitu sistematikament	114 - 117
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	118 - 127
Ir-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE tjiebu fi snin reċenti, iżda aktar konsultazzjoni hija meħtieġa fuq il-post	119 - 121
Intużaw djalogu politiku u assistenza elettoralu b’hal għodod għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, iżda l-EFMs ma twettqux spiss daqs kemm setgħu	122 - 124
Ma teżistix stampa ġenerali ċentralizzata tar-rakkomandazzjonijiet u l-istatus ta’ implimentazzjoni tagħhom	125 - 127
Anness I – Mappa tal-MOE tal-UE	
Anness II – Graffs dwar il-valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet	
Anness III – Farsa ġenerali lejn il-proġetti ta’ assistenza elettoralu fil-Ghana, fil-Ġordan, fin-Niġerja u fis-Sri Lanka	
Risposti tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u tal-Kummissjoni	

AKRONIMI U ABBREVJAZZJONIJIET

DĠ NEAR	Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir
DĠ DEVCO	Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp
EAT	Tim ta' Valutazzjoni Elettorali
EEM	Missjoni ta' Esperti Elettorali
EFM	Missjoni ta' Segwitu Elettorali
EIDHR	Strument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem
EODS	Osservazzjoni Elettorali u Appoġġ Demokratiku
ExM	Missjoni Esploratorja
FPI	Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija
HR/VP	Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea
MEP	Membri tal-Parlament Ewropew
MOE tal-UE	Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-Unjoni Ewropea
OAS	Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani
ODIHR	Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem
OSKE	Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa
SEAE	Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
UNDP	Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I. L-osservazzjoni elettoralali hija għodda importanti għall-promozzjoni tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem, u tal-istat tad-dritt. Elezzjonijiet immaniġġjati tajjeb jistgħu jikkontribwixxu għat-trasferiment paċifiku tas-setgħa politika. Għal dawn il-finijiet, l-Unjoni Ewropea (UE) tosserva l-elezzjonijiet madwar id-dinja kollha.

II. Il-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE (MOE tal-UE) joħorġu dikjarazzjoni preliminari ftit wara Jum l-Elezzjoni, li tiġi segwita, xahrejn wara, b'rapport finali komprensiv li jkun fih rakkomandazzjonijiet dwar kif il-qafas għal elezzjonijiet futuri jista' jittejjeb. Ir-rakkomandazzjonijiet jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet tal-pajjiż ospitanti, li mhumiex impenjati formalment biex jimplementawhom. Minkejja dan, huwa essenzjali li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jingħatalhom segwitu sabiex l-impatt tal-osservazzjoni elettoralali jiġi mmassimizzat. Jekk il-pajjiż ospitanti ma jindirizzax in-nuqqasijiet elettoralali, ikun hemm riskju li d-dgħufijiet jibqgħu u saħansitra jiżdiedu qabel elezzjonijiet futuri.

III. L-iskop prinċipali tal-awditu kien li jiġi eżaminat jekk is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Kummissjoni Ewropea kinux ipprovdew appoġġ għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-pajjiżi ospitanti. Għal dan il-fini, l-awditu kopra s-segwitu li ngħata mill-MOE tal-UE f'erba' pajjiżi: il-Ghana, il-Ġordan, in-Niġerja u s-Sri Lanka, b'fokus fuq l-elezzjonijiet li ġew osservati wara l-2010.

IV. Aħna eżaminajna jekk ir-rakkomandazzjonijiet kinux ġew abbozzati u ppreżentati b'tali mod li jiffaċilita l-implimentazzjoni tagħhom. F'dan il-kuntest, aħna eżaminajna wkoll jekk il-partijiet interessati fil-pajjiżi ospitanti kinux ġew ikkonsultati dwar ir-rakkomandazzjonijiet biex b'hekk titrawwem is-sjeda lokali, u b'dan il-mod tiżdied il-probabbiltà li dawn jiġu implimentati. Sussegwentement, aħna ċcekkejna jekk is-SEAE u l-Kummissjoni Ewropea kinux użaw l-għodod li kien hemm għad-dispożizzjoni tagħhom biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE. L-għodod l-aktar importanti ġew identifikati bħala l-Missjonijiet ta' Segwitu Elettorali (EFMs), id-djalogu politiku u l-assistenza elettoralali. Fl-aħħar nett, aħna eżaminajna l-isforzi li saru għall-monitoraġġ tar-riżultati fuq il-post.

V. Aħna sibna li s-SEAE u l-Kummissjoni kienu għamli sforzi raġonevoli biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE, u li kienu użaw l-għodod li kien hemm għad-dispożizzjoni tagħhom għal din il-fini. Il-preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE tjebet fi snin reċenti, iżda jeħtieġ li jkun hemm aktar konsultazzjoni fuq il-post. Is-SEAE u l-Kummissjoni ħadu sehem fi djalogu politiku u pprovdew assistenza elettoral biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, iżda l-EFMs ma jitwettqux spiss daqskemm jistgħu. Fl-aħħar nett, la teżisti stampa ġenerali ċentralizzata tar-rakkomandazzjonijiet u lanqas ma ssir valutazzjoni sistematika tal-istatus ta' implimentazzjoni tagħhom.

VI. Fuq il-bażi tal-awditu, aħna nirrakkomandaw, fost affarijiet oħra, li s-SEAE:

- jiżgura, permezz ta' kontroll sistematiku tal-kwalità fuq il-format qabel il-pubblikazzjoni tar-rapport finali, li l-MOE tal-UE jsegwu l-linji gwida dwar l-abbozzar kif ukoll il-mudell għalih;
 - jiżgura sistematikament li t-Tim Ewlieni jikkonsulta l-partijiet interessati fil-pajjiż ospitanti dwar ir-rakkomandazzjonijiet qabel ma r-rapport jiġi ffinalizzat;
 - jiżgura li d-diskussjoni madwar mejda mal-partijiet interessati tiġi skedata mill-inqas erbat ijiem tax-xogħol wara r-rilaxx tar-rapport, biex b'hekk il-parteciċipanti jkollhom biżżejjed żmien isiru familjari mar-rapport u mar-rakkomandazzjonijiet tiegħu qabel il-laqgħa;
 - meta possibbli, iwettaq EFMs fil-pajjiżi li ospitaw MOE tal-UE, fi żmien adatt bejn l-elezzjonijiet, dment li s-sitwazzjoni politika jew tas-sigurtà fil-pajjiż ospitanti tkun tippermetti li dan isir.
 - jistabbilixxi depożitarju ċentralizzat għar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE; u
 - jittraċċa l-progress rigward l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE fuq bażi regolari.
-

INTRODUZZJONI

Dwar il-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE

1. L-osservazzjoni elettorali hija għodda importanti għall-promozzjoni tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt. Elezzjonijiet immaniġġjati tajjeb jistgħu jikkontribwixxu għat-trasferiment paċifiku tas-setgħa politika. Għal dawn il-finijiet, l-Unjoni Ewropea (UE) tosserva elezzjonijiet madwar id-dinja kollha. Minn meta l-metodoloġija ta' osservazzjoni elettorali tal-UE ġiet stabbilita fis-sena 2000, l-UE wettqet 138 Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali (MOE tal-UE)¹ f'66 pajjiż fl-Afrika, fil-Lvant Nofsani, fl-Asja u fl-Amerika Latina.
2. Id-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji li saret min-Nazzjonijiet Uniti tiddekrivi l-osservazzjoni elettorali kif ġej: il-ġbir sistematiku, komprensiv u preċiż ta' informazzjoni; l-analiżi imparzjali u professjonali ta' din l-informazzjoni; u t-tisliet ta' konklużjonijiet dwar in-natura tal-proċessi elettorali, abbażi tal-ogħla standards għall-preċiżjoni tal-informazzjoni u għall-imparzjalità tal-analizi².
3. Il-Manwal għall-Osservazzjoni Elettorali tal-UE ("il-Manwal") jiddeskrivi l-bażi loġika għall-MOE tal-UE kif ġej: L-elezzjonijiet jipprovdu mezz biex il-poplu jesprimi r-rieda tiegħu liberament meta jagħżel il-gvern tiegħu, u jipprovdu opportunità lill-gruppi biex isemmgħu leħinhom politiku f'kompetizzjoni ma' oħrajn mingħajr ma jduru għall-vjolenza, kif ukoll jikkontribwixxu għat-trasferiment paċifiku tas-setgħa politika. F'dan ir-rigward, l-osservazzjoni elettorali mill-UE tista' tikkomplementa u ssaħħaħ inizjattivi oħra tal-UE relatati mal-ġestjoni ta' kriżijiet u l-konsolidazzjoni tal-paċi fil-pajjiżi sħab³.

¹ Dan jinkludi Timijiet ta' Valutazzjoni Elettorali, li huma missjonijiet iżgħar ibbażati prinċipalment fil-belt kapitali.

² Id-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Osservazzjoni Elettorali Internazzjonali 2005, p. 2, il-punt 4.

³ Is-SEAE, is-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija tal-Kummissjoni Ewropea, "Handbook for EU Election Observation, third edition" (Manwal għall-Osservazzjoni Elettorali tal-UE, it-tielet edizzjoni), 2016, p. 16-17.

4. Mingħajr ma jindaħlu fl-organizzazzjoni tal-elezzjoni nfisha, l-osservaturi elettorali tal-UE jiġbru u janalizzaw il-fatti rigward il-proċess elettorali u jipprovdu valutazzjoni indipendenti.
5. Wara stedina minn pajjiż ospitanti, il-MOE tal-UE jitwettqu biss meta l-UE tqis li missjoni ta' osservazzjoni tkun utli u li din tista' ssaħħaħ il-proċess demokratiku. Qabel taċċetta kull stedina, l-UE twettaq Missjoni Esploratorja (ExM), normalment bejn erba' u sitt xhur qabel Jum l-Elezzjoni, biex taċċerta jekk MOE tal-UE sħiħa tkunx utli, ta' min jirrakkomandaha u fattibbli. L-ExMs tipikament idumu ġimagħtejn, u jivalutaw ukoll il-livell sa fejn kwalunkwe rakkomandazzjoni ta' MOE tal-UE preċedenti jkunu ġew implimentati, fil-każ ta' MOE tal-UE ripetuti.
6. Kultant, l-UE tista' tiddeċiedi li ssegwi proċess elettorali mill-qrib anke jekk il-kundizzjonijiet kollha għat-twettiq ta' MOE tal-UE (pereżempju: il-kundizzjonijiet ta' sigurtà) ma jkunx issodisfati. F'każijiet oħra, anke jekk il-kundizzjonijiet ikunu ssodisfati, jista' jkun li s-SEAE ma jarax il-ħtieġa għal MOE tal-UE sħiħa⁴. Hemm ukoll tipi oħra ta' missjonijiet li jistgħu jitwettqu. Fil-każ ta' tħassib dwar is-sigurtà, titqies il-possibbiltà li jitwaqqaf Tim ta' Valutazzjoni Elettorali (EAT). L-UE tista' twettaq ukoll missjoni iżgħar, bħal Missjoni ta' Esperti Elettorali (EEM). L-EEMs jitwettqu minn timijiet ta' minn żewġ sa erba' esperti li jwettqu l-istess valutazzjoni tal-proċess elettorali bħala MOE tal-UE, iżda ma jwettqux osservazzjoni ta' Jum l-Elezzjoni fil-postijiet tal-votazzjoni. Ir-riżultati tal-EEMs ma jiġux ippubblikati, għalkemm xi EEMs jikkondividu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom mal-awtoritajiet tal-pajjiż ospitanti. L-EATs ukoll ma jwettqux osservazzjoni sistematika ta' Jum l-Elezzjoni fil-postijiet tal-votazzjoni, iżda huma simili għall-MOE tal-UE fis-sens li huma jikkonsistu f'Tim Ewlieni sħiħ u possibbilment Osservatur Kap li jkunu ibbażati fil-belt kapitali.
7. L-Unjoni Ewropea tista' twettaq ukoll Missjonijiet ta' Segwitu Elettorali (EFMs) f'xi żmien bejn l-elezzjonijiet, bħala parti mill-attivitajiet ġenerali ta' segwitu. Il-kompitu prinċipali tal-EFM huwa li tivvaluta l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jkunu saru matul MOE tal-UE preċedenti. EFMs huma missjonijiet iżgħar li jitwettqu minn Kap tal-Missjoni (normalment Osservatur Kap), espert elettorali/politiku, espert legali u, fejn ikun xieraq, uffiċjal tal-istampa. Dawn huma akkumpanjati wkoll minn rappreżentanti mid-Diviżjoni

⁴ Il-Manwal, p. 126-127.

Elettorali tas-SEAE għad-Demokrazija u l-Osservazzjoni Elettorali, u meta possibbli, rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea. Jenġtiegħ li dawn tal-aħħar jiffukaw fuq l-assistenza offruta mill-UE u mill-Istati Membri tagħha, u jfittxu azzjonijiet potenzjali li jistgħu jiġu ffinanzjati taħt programmazzjoni futura. Dawn jinkludu miżuri fuq terminu qasir qabel elezzjonijiet li jkunu ġejjin, wara r-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE. L-EFMs jistgħu joffru wkoll rakkomandazzjonijiet addizzjonali, li jibnu fuq il-progress li jkun sar u jiffukaw l-attenzjoni mill-ġdid fuq il-kwistjonijiet l-aktar urġenti qabel elezzjonijiet ġodda.

Ir-rwol tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-indipendenza tal-MOE tal-UE

8. Ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/il-Viċi President tal-Kummissjoni (HR/VP) għandu r-responsabbiltà politika biex jiddeċiedi l-pajjiżi prijoritarji għall-osservazzjoni elettorali annwali tal-UE (wara konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew), jieħu d-deċiżjoni finali dwar it-twettiq u jissorvelja l-funzjonament ġenerali tal-MOE tal-UE.

9. Il-MOE tal-UE normalment jitmexxew minn Membru tal-Parlament Ewropew (MEP), li jinġatar mill-HR/VP u jaġixxi bħala l-Osservatur Kap għall-MOE tal-UE. Is-SEAE jipprovdi appoġġ għal kwistjonijiet politiċi u elettorali, filwaqt li s-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI) huwa inkarigat mill-aspetti operazzjonali, tas-sigurtà u dawk finanzjarji.

10. Il-Manwal⁵ jiddikjara li l-osservaturi elettorali tal-UE huma obbligati jkunu strettament imparzjali u li ma juru l-ebda preġudizzju lejn xi naħa jew oħra fi proċess elettorali. Huwa jgħid ukoll li MOE tal-UE hija politikament indipendenti minn kull proġett ta' assistenza teknika ffinanzjata mill-UE li jista' jkun qed iseħħ fil-pajjiż li jkun qed jiġi osservat⁶. L-indipendenza tal-osservaturi elettorali hija mnaqqxa wkoll fid-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji tan-NU⁷.

⁵ Il-Manwal, p. 37.

⁶ Il-Manwal, p. 23.

⁷ Id-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Osservazzjoni Elettorali Internazzjonali, 2005, l-Artikolu 19.

11. Il-MOE tal-UE huma atipiċi, fis-sens li huma indipendenti mill-UE. Missjonijiet ta' osservazzjoni minn gruppi oħra, bħall-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR), il-Commonwealth, il-Carter Centre u l-Unjoni Afrikana, jikkumentaw dwar il-proċess elettorali f'isem l-organizzazzjoni prinċipali tagħhom. Madankollu, il-MOE tal-UE ma jikkumentawx f'isem l-UE. Il-Manwal jiddikjara li MOE tal-UE hija politikament indipendenti fis-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħha. Huwa jgħid ukoll li, għalkemm ikun hemm kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet tal-UE, MOE tal-UE topera taħt mandat separat u distint minn dak tas-SEAE, tal-Kummissjoni Ewropea u tad-Delegazzjoni tal-UE li tkun preżenti fil-pajjiż⁸.

Qafas legali u amministrattiv għall-MOE tal-UE

12. L-osservazzjoni elettorali tal-UE hija ggwidata mill-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-libertajiet fundamentali kif inhum ddefiniti fit-Trattati⁹. Hija ggwidata wkoll mill-Ftehim ta' Cotonou¹⁰.

13. Il-MOE tal-UE huma rregolati f'aktar dettall mir-Regolament li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (ir-Regolament tal-EIDHR)¹¹, li jissettja l-objettiv għall-MOE tal-UE, fejn jiddikjara li "Huma jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jipprovdu kemm stima informata ta' proċessi elettorali u rakkomandazzjonijiet għat-titjib ulterjuri tagħhom fil-kuntest tal-kooperazzjoni tal-Unjoni u d-dialogu politiku ma' pajjiżi terzi."

⁸ Il-Manwal, p. 37.

⁹ It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 2 u 21; u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 8.

¹⁰ Il-Ftehim ta' Cotonou huwa ftehim ta' sħubija bejn l-UE u 78 pajjiż Afrikan, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), iffirmat f'Ġunju 2000, rivedut fl-2005 u fl-2010. L-Artikolu 9 jiddikjara: "Ir-rispett lejn id-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali, kif ukoll ir-rispett lejn id-drittijiet soċjali fundamentali, demokrazija mwaqqfa fuq ir-regola tal-liġi u tmexxija trasparenti u b'responsabbiltà huma parti integrali mill-iżvilupp sostenibbli."

¹¹ Ir-Regolament (UE) Nru 235/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 85), l-Objettiv 4 (Anness).

14. Wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-EIDHR fl-2014, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-MOE tal-UE¹² u l-anness tagħha mbagħad ipprovdew aktar dettalji, prinċipalment rigward ir-rwoli tal-persunal tal-MOE tal-UE u r-rimunerazzjoni tagħhom.

15. Filwaqt li, sadanittant, ħafna aspetti relatati mal-MOE tal-UE nbidlu, b'ħall-istruttura istituzzjonali wara t-Trattat ta' Lisbona, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni mis-sena 2000¹³ tibqa' d-dokument ta' gwida prinċipali għall-oġġettivi u l-metodoloġija tal-MOE tal-UE. Din il-komunikazzjoni tistipula l-qafas ta' politika ġenerali għall-MOE tal-UE.

16. Il-qafas metodoloġiku għall-MOE tal-UE li fih l-akbar reqqa huwa l-Manwal. Wara l-adozzjoni tiegħu, il-Manwal ġie ppubblikat għall-ewwel darba fl-2002 u ġie rivedut f'żewġ okkażjonijiet, fl-2008 u fl-2016.

17. Mill-adozzjoni tagħha 'l hawn, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ġiet issupplimentata b'dokumenti formali oħra li jissettjaw l-oġġettivi għall-osservazzjoni elettorali. Iż-żidiet l-aktar importanti kienu l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2009 dwar l-appoġġ għad-demokrazija fir-relazzjonijiet esterni tal-UE, u l-Qafas Strateġiku u Pjan ta' Azzjoni tal-UE tal-2012 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (aġġornati għall-perjodu 2015-19). Dawn id-dokumenti għamlu enfasi akbar fuq is-segwitu għall-MOE tal-UE u fuq il-kooperazzjoni tal-Istati Membri tal-UE f'dan ir-rigward.

Finanzjament tal-MOE tal-UE

18. Il-MOE tal-UE jiġu implimentati mill-FPI taħt ġestjoni diretta. L-ispiża ta' MOE tal-UE tvarja sinifikattivament skont iċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull missjoni. Madankollu, abbażi ta' ċifri l-aktar reċenti disponibbli, l-ispiża medja hija ta' EUR 3.5 miljun. L-allokazzjoni baġitarja għall-osservazzjoni elettorali mill-2015 sal-2017 ammontat għal medja ta' madwar

¹² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-29.10.2014 li tadotta l-Arranġamenti ta' Implimentazzjoni għall-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali C(2014 7782 final).

¹³ COM(2000) 191 final tal-11 ta' April 2000 "EU Election Assistance and Observation" (Assistenza u Osservazzjoni Elettorali tal-UE). Sussegwentement, il-Komunikazzjoni ġiet approvata mill-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15.3.2001, u mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-31.5.2001.

EUR 44 miljun kull sena. Dan jippermetti li f'sena jitwettqu bejn wieħed u ieħor 10-12-il MOE tal-UE, 8 EEMs u 4 EFM. L-EEMs u l-ExMs jitwettqu taħt kuntratt qafas u jqumu massimu ta' EUR 300 000 kull waħda. L-ispiża ta' EFM normalment ma taqbiżx EUR 100 000¹⁴.

Relazzjoni mal-OSKE

19. L-Istati Membri kollha tal-UE huma wkoll Stati parteċipanti fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE). L-ODIHR iwettaq osservazzjoni elettorali fl-Istati parteċipanti tal-OSKE. L-UE u l-ODIHR jużaw metodoloġija kumparabbli. Għal dawn ir-raġunijiet, normalment l-UE ma tosservax elezzjonijiet fir-reġjun tal-OSKE. Dan il-ftehim bejn ġentlomi li ntlaħaq bejn l-UE u l-OSKE jmur lura għall-ewwel snin tad-deċennju 2000, u mhuwiex ibbażat fuq ftehim bil-miktub.

L-istruttura ta' MOE tal-UE u ċ-ċiklu ta' osservazzjoni elettorali

20. Elezzjoni mhijiex avveniment ta' jum wieħed, iżda proċess li jinkludi diversi stadji. Il-perjodu elettorali jista' jitqies li jibda mat-tnedija tal-kampanja elettorali, li t-twaqqit tagħha jista' jkun differenti minn pajjiż għal ieħor. Il-perjodu elettorali jintemm bl-għeluq tal-proċedura tal-ilmenti wara l-elezzjonijiet. Il-MOE tal-UE jkopru kull fażi ta' ċ-ċiklu elettorali: il-fażi ta' qabel l-elezzjoni, Jum l-Elezzjoni nnifsu, u l-fażi ta' wara l-elezzjoni. Minbarra l-osservazzjoni elettorali, il-Kummissjoni Ewropea tipprovdi wkoll assistenza elettorali, jiġifieri appoġġ tekniku jew materjali ġenerali għall-proċess elettorali.

21. Ladarba stedina tkun ġiet aċċettata, il-pajjiż ospitanti jiffirma Memorandum ta' Qbil mal-Unjoni Ewropea li jstabbilixxi d-dettalji bażiċi li jirrigwardaw il-missjoni. Dan ikopri l-aspett tas-sigurtà u l-aspett loġistiku tal-MOE tal-UE, iżda mhux il-missjoni ta' segwitu jew ir-rakkomandazzjonijiet għal riforma elettorali fil-futur.


22. L-osservaturi tal-UE jistgħu jkunu osservaturi fuq terminu twil jew terminu qasir. Osservaturi fuq terminu twil ikunu bbażati f're ġuni fil-pajjiż ospitanti kollu u jkunu preżenti mit-tnedija tal-kampanja sat-tħabbir tar-risultati finali u sal-għeluq tal-proċedura tal-

¹⁴ Billi sa issa l-UE wettqet ftit li xejn EATsm u billi l-ebda EAT ma hija koperta mill-awditu, aħna ma nipprovdex dettalji dwar l-ispejjeż tal-EATs.

ilmenti¹⁵. Osservaturi fuq terminu qasir ikopru erja ġeografika wiesgħa għal ftit jiem qabel u wara Jum l-Elezzjoni. Barra minn hekk, ikun hemm Tim Ewlieni, li normalment ikun magħmul minn 8 sa 10 esperti u li jkun ibbażat fil-belt kapitali¹⁶.

23. L-esperti tat-Tim Ewlieni jispeċjalizzaw f'aspetti differenti tal-ambjent elettoralu u jistgħu, pereżempju, jinkludu analista legali, analista tal-midja, u uffiċjal tal-istampa (ara l-**Figura 1**). It-Tim Ewlieni, taħt it-tmexxija tal-Osservatur Deputat Kap, jikkontribwixxi għar-rapporti kollha tal-missjoni, inkluż ir-rapport finali tal-MOE tal-UE.

Figura 1 – Struttura ta' MOE tal-UE



Sors: Il-Manwal.

24. Ikkuntrattat mill-Kummissjoni, fornitur ta' servizz jipprovdi appoġġ loġistiku, appoġġ għas-sigurtà u appoġġ amministrattiv għall-MOE tal-UE¹⁷.

25. MOE tal-UE toħroġ dikjarazzjoni preliminari pubblika ftit wara Jum l-Elezzjoni (normalment fi żmien jumejn) f'konferenza stampa mmexxija mill-Osservatur Kap. Rapport


¹⁵ Il-Manwal, p. 24.

¹⁶ Il-Manwal, p. 128.

¹⁷ Il-Manwal, p. 130.

finali komprensiv jinħareġ fi żmien xahrejn mill-ikkompletar tal-proċess elettoral, u jkun fih rakkomandazzjonijiet għall-awtoritajiet tal-pajjiż ospitanti dwar kif il-qafas għal elezzjonijiet futuri jista' jittejjeb¹⁸ (ara l-**Figura 2**).

Figura 2 – Ċiklu ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq il-Manwal.

Rakkomandazzjonijiet u segwitu għall-osservazzjoni elettoral

26. Skont id-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji tan-NU, jenħtieġ li meta jkun possibbli, osservazzjoni elettoral internazzjonali toffri rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-integrità u l-effettività tal-proċessi elettoral u dawk relatati, filwaqt li ma tindaħalx f'dawn il-proċessi u għaldaqstant ma tfixkilhomx¹⁹.

¹⁸ Il-Manwal, p. 26.

¹⁹ Id-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji tan-NU għall-Osservazzjoni Elettorali, 2005.

27. Fir-rapporti finali tagħhom, il-MOE tal-UE jkopru l-14-il qasam ta' valutazzjoni li ġejjin²⁰: (i) il-kuntest politiku; (ii) il-qafas legali (inkluża s-sistema elettoral); (iii) l-amministrazzjoni elettoral; (iv) ir-reġistrazzjoni tal-votanti; (v) ir-reġistrazzjoni tal-partiti u tal-kandidati; (vi) il-kampanja elettoral; (vii) il-vjolenza elettoral; (viii) il-midja; (ix) il-kontenut online relatat mal-elezzjoni; (x) l-ilmenti u l-appelli; (xi) id-drittijiet tal-bniedem (inkluża l-parteċipazzjoni tan-nisa, tal-minoritajiet u tal-persuni b'diżabbiltà); (xii) ir-rwol tas-soċjetà ċivili; (xiii) jum l-elezzjoni; (xiv) ir-riżultati u l-ambjent ta' wara l-elezzjoni. Studju li l-Parlament Ewropew wettaq fl-2012 stama li madwar 90 % tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE jissuġġerixxu bidliet fil-qafas legali tal-pajjiż ospitanti, jew inkella riforma elettoral²¹.

28. Il-pajjiżi li huma suġġetti għal MOE tal-UE ma daħlux għal impenn formali biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet elettoral, lil hinn mill-obbligi eżistenti tagħhom bħala firmatarji għal konvenzjonijiet internazzjonali bħad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi. Fil-fatt, il-MOE tal-UE joperaw f'ambjent differenti minn, pereżempju, l-OSKE, li l-Istati parteċipanti tiegħu ffirmaw dokument li jobbligahom formalment biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet²².

29. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE tista' tiġi appoġġata b'ħafna modi differenti. L-għodod prinċipali li hemm għad-dispożizzjoni tas-SEAE u tal-Kummissjoni huma:

- id-djalogu politiku mal-pajjiż ospitanti;
- il-Missjonijiet ta' Segwitu Elettorali (EFMs);
- l-assistenza elettoral li tingħata mill-UE.

²⁰ Il-Manwal, p. 35.

²¹ Il-Parlament Ewropew, "Study - Following-up on recommendations of EU election observation missions" (Studju - Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettoral tal-UE), 2012, p. 9.

²² L-Istati parteċipanti tal-OSKE ffirmaw id-Dokument ta' Istanbul 1999 tal-OSKE, u għalhekk huma impenjati biex jagħtu segwitu fil-pront għall-valutazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet elettoral tal-ODIHR.

AMBITU U APPROĊ TAL-AWDITJAR

30. Is-suġġett ta' dan l-awditu kienu l-MOE tal-UE, b'fokus partikolari fuq is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet maħruġa minn dawn il-missjonijiet. Il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar kienet "Is-SEAE u l-Kummissjoni jagħmlu sforzi raġonevoli biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE?"

31. Segwitu effettiv mhuwiex biss essenzjali għall-promozzjoni ta' riforma elettorali fil-pajjiżi ospitanti, iżda huwa wkoll il-muftieħ għall-massimizzazzjoni tal-impatt tal-investment li jkun diġà twettaq fil-missjonijiet ta' osservazzjoni. Bħalma huwa spjegat fil-**paragrafu 18**, l-allokkazzjoni medja għall-MOE tal-UE hija ta' EUR 44 miljun kull sena. Din tirrappreżenta kwart mill-fondi totali disponibbli taħt l-EIDHR. Il-Manwal jenfasizza l-importanza tas-segwitu billi jiddikjara li s-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE huwa prijorità ewlenija għall-istituzzjonijiet tal-UE²³. Barra minn hekk, skont l-OSKE²⁴, l-osservazzjoni elettorali tkun biss ta' benefiċċju sal-livell fejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet tingħatalhom kunsiderazzjoni serja u jiġu indirizzati b'mod effettiv. Jekk dan ma jsirx, ikun hemm riskju reali li n-nuqqasijiet u l-vulnerabbiltajiet elettorali jippersistu, u li probabbilment jiżdiedu.

32. Il-Qorti ilha ma twettaq awditu tal-prestazzjoni fil-qasam tal-appoġġ elettorali mill-1996²⁵. Barra minn hekk, il-pubblikazzjoni ta' dan ir-rapport speċjali hija skedata b'tali mod li dan jalimenta d-diskussjonijiet ta' qabel l-analiżi ta' nofs it-terminu tar-Regolament tal-EIDHR, li se jsiru mill-Kummissjoni qabel sal-31 ta' Marzu 2018.

33. L-awditu, li twettaq bejn Jannar u Mejju 2017, kien ikopri erba' pajjiżi ospitanti b'ħala każijiet fejn tista' tintwera l-effettività tas-segwitu tal-MOE tal-UE: il-Ghana, il-Ġordan, in-Niġerja u s-Sri Lanka, b'fokus fuq l-elezzjonijiet li ġew osservati wara l-2010. Twettqu kontrolli fuq il-post fil-Ghana u fil-Ġordan. Aħna użajna żewġ kriterji prinċipali biex nagħżlu l-

²³ Il-Manwal, p. 185.

²⁴ Il-Manwal tal-OSKE dwar is-Segwitu għar-Rakkomandazzjonijiet Elettorali, p. 5.

²⁵ Ir-Rapport Speċjali Nru 4/96 dwar il-kontijiet tal-unità Elettorali Ewropea stabbilita mill-Azzjoni ta' Politika Konġunta Komuni dwar l-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà, rigward l-osservazzjoni tal-elezzjonijiet tal-Palestina (ĠU C 57, 24.2.1997).

pajjiżi għal dan l-awditu. L-ewwel nett, kien jenħtiegħ li l-pajjiżi jkunu ospitaw mill-inqas żewġ MOE tal-UE preċedenti, u l-aktar waħda reċenti kellha tkun fl-2015 jew fl-2016. It-tieni nett, aħna mmirajna għal firxa ġeografika.

34. Kienu twettqu żewġ MOE tal-UE fil-Ġordan u fin-Niġerja fi snin reċenti. Fil-Ghana, l-elezzjonijiet preċedenti fl-2012 kienu ġew koperti minn EEM biss, iżda r-rakkomandazzjonijiet għal riforma elettoralni nħarġu xorta waħda. Normalment, ir-rakkomandazzjonijiet tal-EEM ma jiġux ippublikati. Madankollu, fil-każ tal-Ghana, ir-rakkomandazzjonijiet kienu ġew kondiviżi mal-Kummissjoni Elettorali, mal-istituzzjonijiet tal-UE u mal-Istati Membri tal-UE, u setgħu jservu ta' bażi għall-assistenza elettoralni tal-UE. Is-Sri Lanka ntgħażlet speċifikament minħabba li EFM kienet ġiet skedata għar-rebbiegħa tal-2017, u aħna ppjanajna li nakkumpanjaw l-EFM. Is-SEAE iddeċieda li jipposponi l-EFM fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-pajjiż, iżda s-Sri Lanka xorta waħda ġiet koperta mill-awditu permezz ta' eżami dokumentarju.

35. Billi kważi nofs il-MOE tal-UE jitwettqu fl-Afrika²⁶, aħna għażilna li nkopru żewġ pajjiżi Afrikani, kif ukoll pajjiż Asjatiku u pajjiż fl-Ewropa tal-Viċinat. Għal mappa tal-MOE tal-UE ara **l-Anness I**.

36. L-ewwel nett, aħna vvalutajna l-formulazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, inkluż il-livell sa fejn il-partijiet interessati fil-pajjiż ospitanti kienu ġew ikkonsultati biex is-sjeda lokali tiġi żgurata. Aħna eżaminajna wkoll jekk l-ExMs kinux ħadu inkunsiderazzjoni rakkomandazzjonijiet preċedenti waqt it-tnejjja tal-MOE tal-UE li kien imiss.

37. Aħna mbagħad eżaminajna l-użu tal-għodod prinċipali disponibbli għas-SEAE u għall-Kummissjoni biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE. L-għodod għas-segwitu vvalutati fl-awditu kienu limitati għal dawk deskritti fil-**paragrafu 29**. Tabilħaqq qisna li hemm għodod oħra biex tithegġegħ l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, bħall-inċentiva speċjali taħt l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi,

²⁶ Kważi nofs (48 %) il-MOE jew l-EEMs iseħħu fl-Afrika, skont id-dokument tal-aħjar prattika "Beyond Election Day" (Wara Jum l-Elezzjoni), p. 10, ippublikat fit-8.6.2017.

SĠP+²⁷, azzjonijiet f'*fora* internazzjonali, id-djalogu politiku tal-Parlament Ewropew u l-appoġġ baġitarju. Madankollu, dawn l-għodod mhumiex inkużi fl-ambitu ta' dan l-awditu.

38. Fl-aħħar nett, aħna vvalutajna l-monitoraġġ li s-SEAE u l-Kummissjoni wettqu tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattika u t-tagħlimiet meħuda.

39. Ir-responsabbiltà aħħarija għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet hija f'idejn il-gvernijiet tal-pajjiżi ospitanti. Għalkemm l-iżgurar tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE huwa waħda mill-miri tar-rapporti finali tal-MOE tal-UE, huwa importanti li jiġi osservat li l-iskop tal-awditu ma kienx li ssir valutazzjoni tal-istat tar-riforma elettorali fil-pajjiżi ospitanti. Barra minn hekk, ir-rabta kawżali bejn l-isforzi tal-UE biex tappoġġa l-implimentazzjoni u r-riżultati reali mhijiex b'saħħitha biżżejjed biex aħna nisiltu konklużjonijiet f'dan ir-rigward.

OSSERVAZZJONIJIET

PARTI I – Ir-rakkomandazzjonijiet tjebu fi snin reċenti, iżda hija meħtieġa aktar konsultazzjoni fuq il-post

40. Għal din it-taqsim, aħna eżaminajna t-tnejn tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE minn żewġ perspettivi: il-preżentazzjoni tagħhom fi ħdan ir-rapporti finali u l-konsultazzjonijiet tat-Tim Ewlieni mal-partijiet interessati tal-pajjiż ospitanti. Preżentazzjoni standard tkun tiffaċilita l-kumparabbiltà fuq tul ta' żmien. Il-konsulenza dwar abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet hija l-muftieħ għall-iżgurar tal-preċiżjoni u għall-promozzjoni tas-sjieda lokali, biex fl-aħħar mill-aħħar il-probabbiltà li dawn jiġu implimentati mill-pajjiż ospitanti tiżdied.

²⁷ L-SĠP+ hija mmaniġġjata mid-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ (DG Kummerċ) u tagħti lill-pajjiżi sħab aċċess bla dazju għall-maġġoranza tal-esportazzjonijiet tagħhom lill-UE. Il-pajjiżi sħab iridu jirratifikaw u jimplementaw 27 konvenzjoni internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u f'dak tad-drittijiet tax-xogħol.

Ir-rakkomandazzjonijiet huma aktar kumparabbli u l-preżentazzjoni tagħhom hija aktar standardizzata, iżda l-linji gwida ma jgħux segwiti dejjem

41. Għal din it-taqsimha, aħna qisna r-rapporti finali minn dawn l-elezzjonijiet:

- il-Ghana: 2016;
- il-Ġordan: 2013 u 2016;
- in-Niġerja: 2011 u 2015;
- is-Sri Lanka: 2015.

Valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet hija ppreżentata fl-***Anness II***.

42. Permezz tal-proġett Osservazzjoni Elettorali u Appoġġ Demokratiku (EODS), iffinanzjat mill-UE, is-SEAE jipprova lit-Tim Ewlieni indipendenti tal-MOE tal-UE b'appoġġ metodoloġiku għall-abbozzar tar-rapport finali tal-MOE tal-UE. Is-SEAE huwa inkarigat ukoll mit-tweqqif ta' kontroll tal-kwalità fuq ir-rapporti finali, billi jivvaluta l-forma tal-abbozz ta' rapport kif ukoll iċ-ċarezza tar-rakkomandazzjonijiet proposti²⁸. Is-SEAE u d-Delegazzjonijiet tal-UE jikkummentaw dwar jekk ir-rakkomandazzjonijiet humiex kostruttivi fil-kuntest speċifiku tal-pajjiż, u jistgħu jagħtu parir dwar il-prijoritizzazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

43. Is-SEAE (permezz tal-proġett EODS) introduċa linji gwida dwar l-abbozzar fl-2012, li kienu jinkludu mudell għar-rakkomandazzjonijiet. Il-linji gwida ġew riveduti f'Lulju 2016. Ir-rapporti li vvalutajna, ippublikati wara l-2010, kollha kemm huma kienu bbażaw il-preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fuq il-mudell.

44. B'mod ġenerali, aħna sibna li r-rapporti tal-MOE tal-UE li nkitbu wara l-pubblikazzjoni tal-linji gwida kien fihom inqas rakkomandazzjonijiet, li kienu ppreżentati aħjar.

45. L-għoti ta' wisq rakkomandazzjonijiet jista' jkun kontroproduttiv għal ħafna raġunijiet. Pereżempju, l-awtoritajiet tal-pajjiż ospitanti jistgħu ma jlaħħqux magħhom u x-xogħol tad-Delegazzjonijiet tal-UE biex jappoġġaw l-implimentazzjoni jista' jsir aktar ikkumplikat.

²⁸ Il-Manwal, p. 183.

B'riżultat ta' dan, hemm riskju li r-rakkomandazzjonijiet l-aktar importanti ma jingħatawx biżżejjed attenzjoni fid-diskussjonijiet ta' segwitu. Il-linji gwida jissuġġerixxu massimu ta' 30 rakkomandazzjoni. Ir-rapporti ta' wara l-linji gwida kien fihom bejn 20 u 30 rakkomandazzjoni. Dan huwa titjib fuq is-snin preċedenti, fejn pereżempju ir-rapport tal-2011 għan-Niġerja kien fih daqs 50 rakkomandazzjoni.

46. Il-Manwal jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn il-MOE tal-UE, li tkopri l-aspetti prinċipali kollha indirizzati mill-osservaturi fuq il-post. Il-Manwal jiddikjara li sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-partijiet interessati kollha, jenħtieġ li r-rapport finali jevita lingwaġġ tekniku ħafna²⁹. Filwaqt li kultant huwa indispensabbli li jintuża lingwaġġ tekniku sabiex jiġi evitat fehim skorrett, aħna sibna użu eċċessiv ta' kliem twil, ta' sentenzi twal, tat-temp passat, u ta' lingwaġġ u akronomi tekniċi ħafna. Minkejja dan, il-biċċa l-kbira mill-partijiet interessati intervistati fil-pajjiżi ospitanti qali li huma fehmu r-rakkomandazzjonijiet, li jindika li dawn tal-aħħar jistgħu jinftiehem mill-qarrej espert, iżda mhux neċessarjament mill-pubbliku ġenerali. Tabilħaqq, riforma elettoralis tista' tkopri ħafna oqsma differenti, filwaqt li tinvolvi l-partijiet interessati f'diversi oqsma. Għaldaqstant, rakkomandazzjonijiet li jistgħu jinftiehem minn kulħadd jistgħu jkunu ta' benefiċċju biex firxa wiesgħa ta' atturi jiġu involuti fi sforzi ta' titjib tas-sistema elettoralis.

47. Il-partijiet interessati intervistati qiesu li, b'mod ġenerali, ir-rakkomandazzjonijiet kienu kostruttivi u ddettaljati biżżejjed mingħajr ma kienu preskrittivi wisq, kriterju li wkoll huwa meħtieġ fil-linji gwida dwar l-abbozzar.

48. Filwaqt li l-linji gwida jipprovdu mudell għat-tqassim tar-rakkomandazzjonijiet, dan mhux dejjem jiġi segwit. Pereżempju, mhux dejjem ikun espliċitu jew ċar biżżejjed liema korp ikun qed jiġi indirizzat mir-rakkomandazzjoni. Bħala eżempju, 22 rakkomandazzjoni fir-rapport tal-2016 għall-Ġordan huma indirizzati lil-"leġiżlatura" iġenerali, li jħalli xi ambigwiżità dwar liema istituzzjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva. Analiżi tar-rakkomandazzjonijiet tal-2016 li saru minn proġett ta' assistenza elettoralis ffinanzjat mill-UE

²⁹ Il-Manwal, p. 183.

u implimentat mill-UNDP turi li, fil-fatt, il-biċċa l-kbira minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet kien imisshom ġew indirizzati lill-Gvern.

49. Ir-rapport tal-MOE tal-UE tal-2016 għall-Ghana indirizza tmien rakkomandazzjonijiet lil aktar minn destinatarju wieħed³⁰: lill-“Kummissjoni Elettorali/il-Parlament”, lill-“Kumitat tal-Qorti/il-Parlament” jew lill-“Ministru tal-Komunikazzjoni, il-Parlament”. Għalkemm id-destinatarji huma responsabbli b’mod konġunt għat-tibdil leġiżlattiv, għadu mhuxwix ċar liema istituzzjoni għandha r-responsabbiltà primarja għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Il-MOE tal-UE tista’ tiffaċilita l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet billi tiddetermina, f’konsultazzjoni mal-awtoritajiet tal-pajjiż ospitanti, liema istituzzjoni għandha r-responsabbiltà primarja.

50. Inġenerali, b’halma huwa stipulat fil-Manwal, ir-rakkomandazzjonijiet kienu bbażati fuq eżempji konkreti li ngħataw fil-korp prinċipali tar-rapport, biex juru l-problemi li skattaw ir-rakkomandazzjoni³¹. Madankollu, ma ntużat l-ebda kontroreferenza bejn ir-rakkomandazzjonijiet u l-korp prinċipali tar-rapport, minkejja li dawn huma meħtieġa mill-mudell. Dan għamilha diffiċli biex jinstabu t-taqsimiet korrispondenti fil-korp prinċipali tar-rapport.

51. Minkejja xi titjib fi snin reċenti, element ieħor li kultant kien nieqes kien li ssir referenza għall-obbligi bbażati fuq konvenzjonijiet internazzjonali. Filwaqt li l-linji gwida jitolbu biss li din tiġi inkluża fejn dawn l-obbligi jkunu japplikaw għar-rakkomandazzjonijiet, aħna ltqajna ma’ rakkomandazzjonijiet li ma kellhomx din ir-referenza minkejja li kienet integrata b’mod ċar fid-dritt internazzjonali³².

³⁰ Ir-rapport finali tal-MOE tal-2016 għall-Ghana, ir-Rakkomandazzjonijiet 5, 6, 7, 14, 17, 18, 19 u 20.

³¹ Il-Manwal, p. 184.

³² Fil-Ġordan fl-2016, erba’ rakkomandazzjonijiet prijoritarji u erba’ rakkomandazzjonijiet oħra ma jirreferux għall-obbligi bbażati fuq konvenzjonijiet internazzjonali. Referenza għall-konvenzjonijiet internazzjonali kienet tkun rilevanti b’mod speċjali għar-rakkomandazzjoni prijoritarja P15, li tirreferi għal-libertà tal-espressjoni.

52. Fir-rapport tal-2016 għall-Ġordan, l-ebda waħda mir-rakkomandazzjonijiet ma tindika liema liġi nazzjonali hija affettwata mir-rakkomandazzjoni, minkejja li l-linji gwida jagħtu x'jifhmu li l-MOE tal-UE jivvalutaw dan l-aspett³³.

53. Ir-rapporti kollha fihom għadd ta' rakkomandazzjonijiet prijoritarji. Għalkemm il-prijoritizzazzjoni mhijiex eżerċizzju ħafif, ta' min josserva li r-raġunament għall-għażla tar-rakkomandazzjonijiet prijoritarji ma ġiex iddokumentat. Barra minn hekk, il-linji gwida dwar l-abbozzar ma jirrikjedux dokumentazzjoni bħal din. Ir-rapport tal-2016 għall-Ġordan huwa l-uniku wieħed li ddeskriva l-bażi loġika għall-prijoritizzazzjoni sa ċertu punt, u li fi ħdanu r-rakkomandazzjonijiet kienu maqsumin fi tliet kategoriji: rakkomandazzjonijiet prijoritarji, fuq terminu qasir, u fuq terminu twil.

54. Il-proporzjon ta' rakkomandazzjonijiet prijoritarji fir-rapporti l-aktar reċenti tal-MOE tal-UE għall-pajjiżi koperti mill-awditu kien ivarja minn 23 % sa 45 % tal-għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet.

55. Mis-sitt³⁴ rapporti finali tal-MOE tal-UE, tnejn biss, jiġifieri dak tal-2016 għall-Ġordan u dak tal-2011 għan-Niġerja, qasmu r-rakkomandazzjonijiet f'dawk fuq terminu twil u dawk fuq terminu qasir. Ir-rapporti l-oħra ma rreferew għall-ebda medda ta' żmien għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Għalkemm dan mhuwiex meħtieġ mil-linji gwida, medda ta' żmien bħal din tista' tiffaċilita l-prijoritizzazzjoni ta' azzjonijiet mill-pajjiżi ospitanti, u b'hekk tħaffef l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

Il-MOE tal-UE ltaqgħu mal-partijiet interessati b'mod estensiv qabel Jum l-Elezzjoni, iżda ma kkonsultawhomx dwar ir-rakkomandazzjonijiet

56. Rigward il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati, aħna ffukajna fuq il-MOE tal-UE l-aktar reċenti fil-pajjiżi koperti mill-awditu, sabiex niżguraw li l-informazzjoni li ksbna kienet korretta u kompleta kemm jista' jkun.

³³ EU election observation practical guidelines on drafting recommendations (Linji gwida pratti ċi tal-osservazzjoni elettorali tal-UE dwar l-abbozzar tar-rakkomandazzjonijiet), 2016, p. 8.

³⁴ Ir-rapport finali tal-2016 għall-Ghana, tal-2013 għall-Ġordan, tal-2016 għall-Ġordan, tal-2011 għan-Niġerja, tal-2015 għan-Niġerja u tal-2015 għas-Sri Lanka.

57. Aħna sibna evidenza li matul il-proċess ta' tfassil tar-rapport finali tal-MOE tal-UE, il-kwartieri ġenerali tas-SEAE fi Brussell u, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, id-Delegazzjonijiet tal-UE wkoll, kienu ġew ikkonsultati fl-erba' pajjiżi kollha dwar ir-rakkomandazzjonijiet għall-MOE tal-UE l-aktar reċenti. Dan kien iddokumentat f'emails u f'kummenti żgħar fid-dokumenti.

Konsultazzjoni qabel Jum l-Elezzjoni

58. Saru laqgħat biex il-kwistjonijiet elettorali jiġu diskussi ma' varjetà wiesgħa ta' partijiet interessati fil-pajjiżi ospitanti qabel Jum l-Elezzjoni. Dawn il-laqgħat jissemmew f'rapporti *interim* u rapporti interni. Madankollu, l-ebda wieħed mir-rapporti ma jipprovdni dettalji dwar l-eżitu ta' dawn il-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati, minkejja l-fatt li l-linji gwida dwar l-abbozzar jitolbu li opinjonijiet diverġenti jiġu ddokumentati. Fl-intervista, bosta esperti tat-Tim Ewlieni spjegaw li l-informazzjoni kienet ġiet iddokumentata f'xi noti, iżda li dawn in-noti kienu baqgħu għandhom u ma kinux infażnu f'livell ċentrali.

Konsultazzjoni waqt l-abbozzar tar-rapport finali tal-MOE tal-UE

59. Il-linji gwida jiddikjaraw b'mod espliċitu li d-diskussjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE mal-partijiet interessati tagħti opportunità li jiġi kkoreġut kull fehim skorrett mill-missjoni, u tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-prijoritajiet. Huwa importanti li varjetà ta' interlokutori jiġu mistoqsija dwar kull rakkomandazzjoni³⁵. Is-SEAE spjega wkoll li, waqt li r-rapport ikun qed jinkiteb, jenħtieġ li l-MOE tal-UE tikkonsulta lill-partijiet interessati lokali dwar ir-rakkomandazzjonijiet fl-istess żmien li tkun qed tiddiskutihom mal-kwartieri ġenerali tas-SEAE.

60. Għalkemm ħafna kwistjonijiet ġew diskussi mal-partijiet interessati lokali u jista' jkun li l-esperti tat-Tim Ewlieni kienu diġà qed iqisu xi rakkomandazzjonijiet mill-bidu nett, aħna ma stajniex insibu evidenza li dawn kienu ġew ikkonsultati dwar ir-rakkomandazzjonijiet f'xi wieħed mill-pajjiżi koperti mill-awditu. Dan kien ikkonfermat matul il-laqgħat tagħna mal-partijiet interessati lokali, li lkoll qalu li fil-fatt ma kinux ġew ikkonsultati dwar ir-

³⁵ Practical guidelines on drafting recommendations (Linji gwida dwar l-abbozzar tar-rakkomandazzjonijiet), is-sottotaqsima "Consulting with other observers and stakeholders and finalising recommendations" (Konsulenza ma' osservaturi u partijiet interessati oħra u l-iffinalizzar tar-rakkomandazzjonijiet), p. 4.

rakkomandazzjonijiet. Fl-intervista, bosta esperti tat-Tim Ewlieni qalu li huma jemmnu li l-konsultazzjoni mal-partijiet interessati dwar ir-rakkomandazzjonijiet tista' tidher b'ħala li tikkontradixxi l-prinċipju tal-indipendenza. Madankollu, aħna ma nqisux li konsultazzjoni dwar it-test tar-rakkomandazzjonijiet tkun tikkontradixxi l-indipendenza. Wara kolloxx, il-konsulenza mal-partijiet interessati hija prattika li tikkonforma mhux biss mal-linji gwida tas-SEAE, iżda wkoll mad-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji tan-NU, li tiddikjara li l-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali internazzjonali jistgħu jwettqu wkoll laqgħat privati ma' daww involuti fl-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet ġenwinament demokratiċi f'pajjiż, biex jiddiskutu s-sejbiet, il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-missjoni³⁶.

61. Aħna lanqas ma sibna evidenza li kienu seħħew diskussjonijiet dwar il-kwistjonijiet l-aktar tekniċi f'xi wieħed mill-erba' pajjiżi. B'riżultat ta' dan, xi esperti fil-qasam ikkontestaw xi rakkomandazzjonijiet wara l-pubblikazzjoni tar-rapporti finali. Li kieku t-Tim Ewlieni kien ikkonsulta l-partijiet interessati dwar l-aspetti tekniċi tar-rakkomandazzjonijiet, dawn l-aspetti tekniċi setgħu ġew iċċarati mill-bidu nett. Il-konsultazzjoni matul it-tnejn tar-rakkomandazzjonijiet hija importanti, billi hemm riskju li xi differenzi fil-perċezzjoni li jitfaċċaw wara l-pubblikazzjoni tar-rapport finali jistgħu jimminaw kemm ir-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom.

62. Is-SEAE spjega li, qabel jitlaq mill-pajjiż ospitanti, l-Osservatur Kap jagħmel żjarat ta' kortesija għand il-partijiet interessati ewlenin, li matulhom jiġu diskussi kwistjonijiet relatati mar-rakkomandazzjonijiet. Madankollu, aħna ma sibniex evidenza li tiddokumenta dawn il-laqgħat, u b'hekk ma stajniex nikkonfermaw il-kontenut tagħhom.

Konsultazzjoni wara l-pubblikazzjoni tar-rapport finali tal-MOE tal-UE

63. Wara l-MOE tal-UE l-aktar reċenti, saru diskussjonijiet madwar mejda mal-partijiet interessati fl-erba' pajjiżi kollha, b'firxa ta' partijiet interessati lokali mistiedna biex jiddiskutu r-rapport finali u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu wara l-pubblikazzjoni, matul iż-żjara ta' ritorn tal-Osservatur Kap. Fil-biċċa l-kbira, dawn id-diskussjonijiet kienu inklużivi, għalkemm partit

³⁶ Id-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji tan-NU għall-Osservazzjoni Elettorali Internazzjonali, 2005, il-punt 7.

politiku wieħed fil-Ġordan u organizzazzjoni waħda tas-soċjetà ċivili fil-Ghana sostnew li ma kinux ġew mistiedna għal-laqqgħa.

64. Matul iż-żjara ta' ritorn, l-Osservatur Kap tipikament jibqa' fil-pajjiż ospitanti għal xi ftit jiem. Ir-rapport finali jiġi kondiviż mal-partijiet interessati wara li jkun ġie ppreżentat formalment lill-awtoritajiet tal-pajjiż u wara konferenza stampa. Billi l-Osservatur Kap idum biss żmien qasir fil-pajjiż, fl-erba' pajjiżi kollha, id-diskussjoni madwar mejda mal-partijiet interessati ġiet skedata kmieni wisq (immedjatement, jew minn jum sa jumejn) wara l-konferenza stampa biex il-parteċipanti jkunu jistgħu jsiru familjari mal-kontenut tar-rapport finali u mar-rakkomandazzjonijiet tiegħu, u, konsegwentement, l-ambitu għal djalogu utli kien limitat. Fejn Osservatur Kap ma jkunx jista' jibqa' aktar fit-tul fil-pajjiż ospitanti, huwa jista' juża l-alternattiva li jiddelega r-responsabbiltà lill-Osservatur Deputat Kap, biex dan jippresiedi d-diskussjoni madwar mejda.

65. Rapport dwar iż-żjara ta' ritorn jitfassal wara iż-żjara, u kultant jiddeskrivi fil-qosor għadd ta' tagħlimiet meħuda. Ir-rapporti tal-erba' pajjiżi kollha koperti mill-awditu ddikjaraw li l-partijiet interessati kienu semmew il-problema ta' nuqqas ta' żmien bejn ir-rilaxx tar-rapport finali u d-diskussjonijiet madwar mejda mal-partijiet interessati. Għalkemm din il-kwistjoni kienet diġà tqajmet fl-2015 fir-rapport għas-Sri Lanka dwar iż-żjara ta' ritorn, il-problema baqgħet hemm għaż-żjarat ta' ritorn fil-Ġordan fl-2016 u fil-Ghana fl-2017, fejn bosta partijiet interessati ġibdu l-attenzjoni għal din il-kwistjoni f'laqgħat mat-tim tal-awditjar.

66. Hemm biss linji gwida limitati fis-seħħ li jstabbilixxu l-istruttura taż-żjara ta' ritorn. Id-Delegazzjonijiet tal-UE sabu li l-linji gwida ma kinux ċari rigward ir-responsabbiltà għall-organizzazzjoni taż-żjara ta' ritorn; xi Delegazzjonijiet tal-UE għamlu l-arranġamenti prattiċi kollha, filwaqt li oħrajn użaw il-fornitur ta' servizz tal-MOE tal-UE, li kien għadu jopera fi żmien iż-żjara ta' ritorn. Fil-Ghana, id-diskussjoni madwar mejda mal-partijiet interessati ġiet organizzata mill-Grupp ta' Ħidma Elettorali Speċjali, kopresedut mill-UE u mill-UNDP. It-twaqqit taż-żjara ta' ritorn kienet tvarja wkoll bejn il-pajjiżi, skont id-disponibbiltà tal-MEP li kien fir-rwol ta' Osservatur Kap. Iż-żjarat ta' ritorn fil-Ghana, fil-Ġordan u fis-Sri Lanka seħħew bejn wieħed u ieħor xahrejn wara Jum l-Elezzjoni, filwaqt li iż-żjara fin-Niġerja seħħet wara sitt xhur.



L-Osservatur Kap Santiago Fisas jgħaddi r-rapport finali tal-MOE tal-UE lil Attahiru Jega, President tal-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali Indipendenti tan-Niġerja.

Sors: Is-SEAE.

PARTI II – Intużaw djalogu politiku u assistenza elettoralu b'ħala għodod għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, iżda l-EFMs ma twettqux spiss daqs kemm setgħu

67. Għal din it-taqsim, aħna vvalutajna l-għodod prinċipali li ntużaw mis-SEAE u mill-Kummissjoni għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE: djalogu politiku mal-awtoritajiet tal-pajjiżi ospitanti, EFMs u assistenza elettoralu. Biex l-impatt tal-osservazzjoni elettoralu jiġi mmassimizzat, huwa essenzjali li r-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE jiġu indirizzati fi djalogu politiku mal-pajjiżi ospitanti, u li l-komplementarjetajiet tal-assistenza elettoralu rigward ir-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE jiġu żgurati.

68. Hemm ħafna raġunijiet għalfejn rakkomandazzjoni tista' ma tiġix implimentata. Pereżempju, il-pajjiżi ospitanti jistgħu ma jkunux iridu jew ma jkunux jistgħu jagħtu segwitu għar-rakkomandazzjonijiet elettoralu, min'ħabba:

- (a) nuqqas ta' rieda politika jew appoġġ fil-parlament;
- (b) nuqqas ta' għarfien espert professjonali, riżorsi finanzjarji jew żmien għall-implimentazzjoni tar-riformi;

- (c) tifqigħa ta' gwerra, instabbiltà jew inkwiet ċivili;
- (d) tħassib fost il-kontropartijiet nazzjonali li r-rakkomandazzjonijiet mhumiex konvinċenti, immirati biżżejjed jew xierqa għall-kuntest nazzjonali³⁷.

69. Filwaqt li fl-aħħar mill-aħħar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE tiddependi mir-rieda politika tal-pajjiżi ospitanti u l-kapaċità tiegħu għall-implimentazzjoni, is-SEAE u l-Kummissjoni għandhom għadd ta' għodod għad-dispożizzjoni tagħhom biex jappoġġaw lill-pajjiżi ospitanti. Dawn jinkludu d-djalogu politiku mal-awtoritajiet nazzjonali li jitwettaq primarjament mid-Delegazzjonijiet tal-UE u mill-EFMs, u li kien jinvoli diskussjonijiet li kemm is-SEAE kif ukoll il-Kummissjoni jipparteċipaw fihom.

70. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tista' tiġi appoġġata minn tipi differenti ta' finanzjament mill-UE, bħal permezz ta' programmi ta' assistenza elettorali, immaniġġjati mid-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp (DĠ DEVCO) u mid-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (DĠ NEAR). Aħna vvalutajna r-rabta bejn ir-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE u l-programmazzjoni ta' assistenza elettorali ffinanzjata mill-UE. F'dan il-kuntest, aħna eżaminajna wkoll l-isforzi tad-Delegazzjoni tal-UE biex tikkordina l-assistenza elettorali mal-Istati Membri tal-UE.

Djalogu politiku seħħ, iżda ċerti korpi tal-pajjiżi ospitanti jixtiequ li ssir aktar diskussjoni

71. Il-MOE tal-UE topera taħt mandat separat u distint minn dak tal-istituzzjonijiet tal-UE. Huwa biss wara l-preżentazzjoni tar-rapport finali fil-pajjiż ospitanti li d-Delegazzjoni tal-UE u l-Istati Membri jsiru responsabbli għall-ippjanar u t-twettiq ta' attivitajiet biex is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE jiġi appoġġat³⁸.

72. L-appoġġ tad-Delegazzjoni tal-UE għall-implimentazzjoni tal-MOE tal-UE tibda biss ladarba MOE tal-UE tingħalaq u r-rapport finali jkun twassal lill-awtoritajiet nazzjonali. Minn dak il-punt 'il quddiem, id-djalogu politiku tal-UE mal-pajjiż ospitanti għandu rwol importanti fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

³⁷ Il-Manwal tal-OSKE dwar is-Segwitu għar-Rakkomandazzjonijiet Elettorali, p. 13.

³⁸ Il-Manwal, p. 185.

73. Ir-Regolament tal-EIDHR jiddikjara li l-MOE tal-UE jinsabu “fl-aħjar pożizzjoni biex jipprovdu kemm stima informata ta' proċessi elettorali u rakkomandazzjonijiet għat-titjib ulterjuri tagħhom fil-kuntest tal-kooperazzjoni tal-Unjoni u d-djalogu politiku ma' pajjiżi terzi”³⁹.

74. Id-djalogu politiku huwa kruċjali għall-promozzjoni tas-sjieda nazzjonali u għas-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE, billi l-pajjiżi ospitanti mhumiex impenjati formalment f'dan ir-rigward.

75. Evalwazzjoni reċenti tal-MOE tal-UE ssuġġeriet li ssir referenza għall-ħruġ u l-importanza tar-rakkomandazzjonijiet fil-Memorandum ta' Qbil li jippreċedi kull MOE tal-UE⁴⁰. Aħna nemmnu li din ir-referenza għar-rakkomandazzjonijiet fil-Memorandum ta' Qbil tista' tipprovdi lid-Delegazzjonijiet tal-UE b'punt tat-tluq utli għat-twettiq ta' diskussjonijiet mal-awtoritajiet tal-pajjiż ospitanti wara l-elezzjonijiet.

76. Id-djalogu politiku mal-pajjiż ospitanti huwa previst fil-Ftehim ta' Cotonou⁴¹ għall-Ghana u n-Niġerja, fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għall-Ġordan⁴² u fil-Ftehim ta' Kooperazzjoni mas-Sri Lanka⁴³. Skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou, l-objettiv ta' dan id-djalogu huwa “l-iskambju tal-informazzjoni, it-tkattir tal-komprensjoni reċiproka u l-aġevolazzjoni tat-twaqqif ta' prijoritajiet miftiehma”.

77. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE, jew kwistjonijiet li huma jindirizzaw, tqajmu fil-laqgħat annwali ta' djalogu politiku ta' livell għoli fl-erba' pajjiżi ospitanti kollha koperti mill-awditu. Dawn ġew diskussi wkoll fi gruppi ta' ħidma għad-drittijiet tal-bniedem.

³⁹ Ir-Regolament tal-EIDHR, l-Objettiv 4.

⁴⁰ Evaluation of EU Election Observation Activities (Evalwazzjoni tal-Attivitajiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE), ir-Rakkomandazzjoni Addizzjonali 8 fil-p. 4.

⁴¹ L-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou.

⁴² L-Artikoli 3 sa 5 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, 2002.

⁴³ L-Artikoli 1 u 2 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Demokratika Soċjalista tas-Sri Lanka dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp, 1995.

78. Pereżempju fil-Ghana, fl-2012 il-Missjoni ta' Esperti Elettorali rakkomandaw li l-leġislazzjoni dwar id-dritt għall-informazzjoni għandha tiġi żviluppata biex jitjiebu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-affarijiet pubbliċi, inkluż is-settur elettorali. Il-progress li sar f'dan ir-rigward intlaqa' b'mod pożittiv matul id-djalogu politiku relatat mal-Artikolu 8 li sar f'Ġunju 2016.

79. Fil-Ġordan, dawn il-kwistjonijiet jiġu diskussi fis-Sottokomitati għad-Drittijiet tal-Bniedem, li huwa magħmul mill-awtoritajiet tal-Ġordan, is-SEAE u l-ambaxxaturi tal-UE għall-pajjiż. Fil-laqgħa l-aktar reċenti tagħhom f'Ottubru 2016, id-Delegazzjoni tal-UE u l-uffiċċju ġeografiku tas-SEAE qajmu bosta kwistjonijiet ewlenin mid-dikjarazzjoni preliminari, li sussegwentement saru rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE fir-rapport finali. Dawn kienu jinkludu r-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet ta' kandidati żgħażaġħ li joħroġu għall-elezzjoni, l-ambitu għat-tisħiħ tal-ugwaljanza tal-vot, u r-restrizzjonijiet fuq l-aċċess tal-osservaturi domestiċi għat-tabulazzjoni tar-riżultati⁴⁴.

80. B'mod simili, fid-Djalogu bejn l-UE u n-Niġerja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'Novembru 2016, id-Delegazzjoni tal-UE u l-Ministeru Niġerjan għall-Affarijiet Barranin skambjaw ideat dwar kif tista' tiġi sostnuta riforma elettorali, pereżempju bir-rinforzar tal-mezzi ta' involviment ċivili, kwistjoni li ġiet indirizzata minn rakkomandazzjoni tal-MOE tal-UE⁴⁵.

81. Fis-Sri Lanka, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Governanza, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet tal-Bniedem iltaqa' għall-ewwel darba f'Jannar 2016. Fil-laqgħa, l-awtoritajiet tas-Sri Lanka u l-UE ddiskutew riforma elettorali u segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE, bħala wieħed mill-14-il punt fuq l-aġenda. Il-grupp ta' Ħidma qabel li jieħu żewġ passi: li jintroduċi riforma elettorali taħt il-kostituzzjoni l-ġdida u li jistabbilixxi kwota minima ta' 25 % għar-rappreżentazzjoni parlamentari tan-nisa.

⁴⁴ Ir-rapport finali tal-2016 għall-Ġordan inġareġ fil-5.12.2016. Ir-rakkomandazzjonijiet prijoritaji korrispondenti huma Nri P2, P3, P6, P11, P13, P15.

⁴⁵ Ir-rapport finali tal-2015 għan-Niġerja, ir-Rakkomandazzjoni 28 dwar it-tisħiħ tal-involviment ċivili.

82. F'kull wieħed mill-pajjiżi koperti mill-awditu, id-Delegazzjonijiet tal-UE organizzaw ukoll laqgħat oħra ma' kontropartijiet ewlenin fil-livell ta' ħidma, bħall-ministeri u l-Kummissjoni Elettorali, biex jiddiskutu kwistjonijiet relatati mar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE. Madankollu, huma ma ddokumentawx l-eżitu ta' dawn il-laqgħat fil-livell ta' ħidma.

83. Filwaqt li parti kbira mid-djalogu politiku kienet tikkonċerna prijoritajiet oħra, aħna sibna li l-korpi tal-pajjiżi ospitanti kienu ħerqana biex jiddiskutu r-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE ulterjorment. Kemm fil-Ghana kif ukoll fil-Ġordan, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-kumitati legali parlamentari esprimew din ix-xewqa. Dawn il-kumitati pproponew l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma biex tiġi diskussa l-implimentazzjoni possibbli tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE mad-Delegazzjoni tal-UE, billi ma kinux familjari mar-rapport finali qabel iż-żjara tal-awditjar tagħna. Dan juri li hemm lok biex jizziedu l-attivitajiet relatati mad-djalogu politiku għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet⁴⁶.

L-EFMs ma twettqux spiss daqskemm setgħu

84. Il-Manwal jiddikjara li l-EFMs jistgħu jitwettqu biex jieħdu kont tal-mod kif ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport finali jkunu ġew ittrattati, biex jikkontribwixxu għad-djalogu politiku kontinwu mal-pajjiż dwar id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, u biex jidentifikaw oqsma għal riforma u intervent futuri. Missjonijiet ta' segwitu jistgħu, meta jkun possibbli u xieraq, jitmexxew mill-eks Osservatur Kap tal-MOE tal-UE l-aktar reċenti li tkun twettqet fil-pajjiż ospitanti partikolari. Kull sena jitwettqu bejn wieħed u ieħor erba' EFMs, li jfisser li mhux il-pajjiżi kollha li jospitaw MOE tal-UE jerġgħu jinżaru awtomatikament għal EFM. Is-SEAE, f'kooperazzjoni mill-qrib mad-Delegazzjoni tal-UE, jieħu deċiżjoni dwar it-twettiq u t-twaqqit tal-EFMs.

85. L-uniku pajjiż fil-kampjun li kien ospita EFM kien in-Niġerja. Matul l-awditu, kienet qed tiġi diskussa EFM possibbli fis-Sri Lanka, iżda s-SEAE iddeċieda li jipposponiha peress li l-pajjiż

⁴⁶ L-evalwazzjoni tal-MOE tal-UE reċenti għamlet saħansitra aktar f'dan ir-rigward, billi ddkjarat li jista' jsir aktar biex is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE jiġi sistemizzat, b'użu aktar konsistenti tal-politiki, id-djalogu politiku u l-istrumenti disponibbli tal-UE, "Evaluation of EU Election Observation Activities" (Evalwazzjoni tal-Attivitajiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE), p. 35.

kien għaddej minn riforma politika sinifikanti. Din id-deċiżjoni kienet appoġġata mid-Delegazzjoni tal-UE fis-Sri Lanka.

86. Fin-Niġerja, fejn kienet twettqet EFM minn Mejju sa Ġunju 2014, id-Delegazzjoni tal-UE kkonfermat li, b'mod ġenerali, din tqieset bħala utli u f'waqtha. L-EFM kienet wettqet laqgħat b'viżibbiltà għolja, identifikat oqsma kritiċi li kienu jeħtieġu jiġu indirizzati immedjatament, u għamlet rakkomandazzjonijiet biex dawn jitqiesu mill-awtoritajiet Niġerjani, mill-Assemblea Nazzjonali, mill-midja u mis-soċjetà ċivili⁴⁷.

87. L-EFM fasslet ċart dwar l-istatus ta' implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-MOE tal-UE, u organizzat diskussjoni madwar mejda mal-partijiet interessati biex tiddiskuti u tapprova r-rakkomandazzjonijiet. Is-sejbiet tal-EFM intużaw ukoll mill-EEM sussegwenti li twettqet fin-Niġerja mid-19 ta' Novembru sas-16 ta' Diċembru 2014.

88. Fil-pajjiżi koperti mill-awditu li ma kinux ospitaw EFM fil-perjodu ta' bejn l-elezzjonijiet, il-maġġoranza kbira tal-partijiet interessati nazzjonali li ġew intervistati qiesu li EFM kienet tkun tipprovdi impuls politiku utli permezz ta' laqgħat b'viżibbiltà għolja. Kif inhu spjegat fil-**paraqrafu 18**, meta jitqiesu l-flus diġà investiti fil-MOE tal-UE, l-EFMs ma jirrappreżentawx spiża sostanzjali, iżda s-segwitu jista' jibbenefika ħafna iktar minnhom jekk jintużaw aktar frekwentement.

L-assistenza elettoralj appoġġat l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE

89. L-UE hija waħda mill-atturi fuq quddiem nett fil-qasam tal-assistenza elettoralj, u tipprovdi appoġġ tekniku u materjali għall-proċessi elettoralj f'ħafna pajjiżi sħab. Għall-kuntrarju tal-MOE tal-UE, li tiffoka fuq l-elezzjonijiet infushom, l-assistenza elettoralj tista' tiġi pprovduta permezz taċ-ċiklu elettoralj u normalment tkun usa' fl-ambitu tagħha. L-assistenza elettoralj tista' tinkludi appoġġ professjonali fl-istabbiliment ta' qafas legali, l-għoti ta' materjal u tagħmir għall-votazzjoni, jew għajjnuna fir-reġistrazzjoni tal-partiti politiċi u tal-votanti. Hija tista' tinkludi wkoll appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'oqsma

⁴⁷ Ir-rapport finali tal-EFM tal-2014 fin-Niġerja, p. 5.

bħall-edukazzjoni għall-votanti jew it-taħriġ ta' osservaturi lokali, kif ukoll appoġġ lill-midja⁴⁸. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, l-assistenza elettoralis hija ffinanzjata mill-fondi ġeografiċi – il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat.



Votanta Ghanjana titfa' l-vot tagħha.

Sors: IS-SEAE.

90. Il-Manwal josserva żieda sinifikanti fil-finanzjament u l-kopertura tal-assistenza elettoralis tal-UE fi snin reċenti⁴⁹. Minkejja dan, il-Kummissjoni ma setgħetx tipprovdilna stampa finanzjarja ġenerali tal-assistenza elettoralis għall-pajjiżi riċevituri kollha⁵⁰. Ir-raġuni għal dan hija li l-appoġġ li jiffoka fuq oqsma oħra jinkludi wkoll komponenti mmirati lejn il-promozzjoni tar-riforma elettoralis. Barra minn hekk, id-Delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi koperti mill-awditu mhux kollha żammew stampa ġenerali dokumentata tal-programmi ta' assistenza elettoralis tal-UE u tal-Istati Membri.

⁴⁸ COM(2000) 191 final, p. 4.

⁴⁹ Il-Manwal, p. 23.

⁵⁰ Għal farsa ġenerali lejn il-proġetti ta' assistenza elettoralis tal-UE, kemm dawk preċedenti kif ukoll dawk li għadhom għaddejjin fil-pajjiżi koperti mill-awditu, ara l-**Anness III**.

91. Għalkemm MOE tal-UE hija politikament indipendenti minn kull proġett ta' assistenza teknika ffinanzjata mill-UE li tista' tkun qed isseħħ fil-pajjiż li qed jiġi osservat⁵¹, il-Kummissjoni identifikat il-komplementarjetà bħala fattur ewlieni. Hija kkonkludiet li l-osservazzjoni elettorali u l-assistenza elettorali huma attivitajiet differenti iżda, essenzjalment, jenħteġ li dawn jitqiesu u jiġu pprogrammati b'mod komplementari⁵².
92. Aktar reċentement, l-importanza tal-komplementarjetà reġgħet itterniet fil-gwida tal-Kummissjoni dwar l-assistenza elettorali⁵³ u fir-Regolament tal-EIDHR tal-2014⁵⁴.
93. Billi l-maġġoranza tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE huma relatati mar-riforma legali fil-pajjiżi ospitanti, l-implimentazzjoni tagħhom tiddependi ħafna aktar mir-rieda politika tal-gvern tal-pajjiż ospitanti milli mill-għoti ta' finanzjament mill-UE. Minkejja dan, aħna sibna bosta oqsma fejn kien possibbli li ssir rabta bejn il-finanzjament u r-rakkomandazzjonijiet, u fejn ir-rabta kienet saret ukoll spiss fil-programmazzjoni u l-formulazzjoni tal-assistenza elettorali tal-UE (ara l-**Kaxxa 1**).
94. Barra minn hekk, l-eżerċizzju ta' programmazzjoni tal-UE jsegwi skeda ta' żmien matul is-sena, li mhux neċessarjament tikkoinċidi mal-pubblikazzjoni tar-rapporti finali tal-MOE tal-UE wara elezzjoni. Madankollu, rakkomandazzjonijiet minn MOE tal-UE preċedenti jistgħu jintużaw f'eżerċizzji ta' programmazzjoni sussegwenti.
95. Huwa importanti l-fatt li ma sibniex każijiet fejn l-assistenza elettorali tal-UE kienet f'kuntrast dirett mar-rakkomandazzjonijiet. Dan huwa dovut għall-fatt li l-informazzjoni miġbura matul il-MOE tal-UE kienet diġà magħrufa, sa ċertu punt, mill-manigġers tal-programmi, b'riżultat ta' xogħolhom mal-pajjiż ospitanti. Pereżempju, aħna ltqajna ma' proġett fis-Sri Lanka li kien ġie ffirmat tliet xhur qabel il-finalizzazzjoni tar-

⁵¹ Il-Manwal, p. 23.

⁵² COM(2000) 191 final, p. 5.

⁵³ Il-Gwida Metodoloġika tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Assistenza Elettorali, 2006, id-Daħla u p. 13.

⁵⁴ Ir-Regolament tal-EIDHR, l-Objettiv 4 (Anness).

rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE. Il-proġett kien jikkonforma bis-siġħ mar-rakkomandazzjonijiet.

Kaxxa 1 – Eżempji ta’ rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE li kienu marbuta mal-assistenza elettorali tal-UE

Fis-Sri Lanka, fil-perjodu 2015-17 qed tiġi implimentata għotja li tammonta għal total ta’ EUR 1.2 miljun għal proġett intitolat “Ensuring Electoral integrity in the Electoral Proċess through Independent Election Observation and Remedial Action” (Niżguraw l-Integrità elettorali fil-Proċess Elettorali, permezz ta’ Osservazzjoni Elettoral Indipendenti u Azzjoni ta’ Rimedju)⁵⁵. Ir-rakkomandazzjoni li ġejja saret fir-rapport finali tal-MOE tal-UE tal-2015: L-abbuż mir-riżorsi tal-Istat, inklużi r-riżorsi umani, għall-finijiet tal-kampanji jista’ jiġi evitat b’mod aktar effettiv permezz ta’ infurzar aħjar u billi dawk li jwettqu l-abbuż jinżammu responsabbli. L-għotja tinkludi bosta miżuri għall-prevenzjoni tal-abbuż mir-riżorsi tal-Istat, li jinfirxu mill-istabbiliment ta’ kriterji ta’ rappurtar sal-iżvilupp ta’ network ta’ avukati li jkunu jieħdu f’idejhom każijiet relatati mal-użu skorrett ta’ fondi pubbliċi matul il-perjodu tal-kampanja.

Fil-Ghana, għotja ta’ EUR 5 miljun għall-assistenza elettorali intitolata “Support to Independent Government Institutions involved in the electoral proċess” (Appoġġ għal Istituzzjonijiet Indipendenti tal-Gvern li huma involuti fil-proċess elettorali) ilha tiġi implimentata mill-2015 ’il hawn. Waħda mir-rakkomandazzjonijiet tal-EEM tal-2012 kienet li l-Kummissjoni Elettorali ssaħħaħ il-komunikazzjoni mal-partiti politiċi. L-għotja tinkludi bosta miżuri għal dan il-fini, bħal sessjonijiet ta’ ħidma, seminars u pjattaformi ta’ Kumitati bejn il-Partiti, biex id-djalogu mal-partiti politiċi jiġi promoss.

Is-SEAE u l-Kummissjoni qiesu t-tfassil ta’ din l-għotja bħala eżempju tajjeb ta’ approċċ ta’ ċiklu elettorali reali, fejn intuża l-perjodu ta’ bejn l-elezzjonijiet biex tiżdied il-kapaċità tal-korpi elettorali prinċipali qabel l-elezzjonijiet li kien imiss.

96. Rigward il-koordinazzjoni tad-Delegazzjoni tal-UE mal-Istati Membri tal-UE, l-analiżi li wettaqna tal-assistenza elettorali preċedenti u dik li għadha għaddejja fil-pajjiżi koperti mill-awditu turi li ma kienx hemm trikkib dirett bejn l-assistenza tal-UE u dik iffinanzjata mill-Istati Membri tal-UE. Dan huwa attribwibbli għall-fatt li d-Delegazzjonijiet tal-UE organizzaw

⁵⁵ Mill-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP).

laqgħat mal-Istati Membri tal-UE li kienu preżenti fil-pajjiż biex jiddiskutu l-assistenza elettorali.

97. Bħala eżempju ta' assistenza kkoordinata, fl-2016 il-Kummissjoni adottat programm komprensiv imsejjaħ Enhanced Support to Democratic Governance in Jordan (Appoġġ Imsaħħaħ għall-Governanza Demokratika fil-Ġordan, b'kontribuzzjoni mill-UE ta' EUR 15-il miljun. Biex jiżdiedu s-sinerġiji, l-Istati Membri tal-UE li kienu preżenti f'Amman għwe mistoqsija jekk ikunx jinteressahom l-implimentazzjoni u l-kofinanzjament tal-programm. L-Aġenzija Spanjola ta' Kooperazzjoni AECID iddeċidiet li tikkofinanzja l-programm b'ammont addizzjonali ta' EUR 2 miljun u li timplimenta l-komponent dwar l-appoġġ għas-soċjetà ċivili.

PARTI III – Ma teżistix stampa ġenerali ċentralizzata tar-rakkomandazzjonijiet u l-istatus ta' implimentazzjoni tagħhom

98. F'din il-parti tal-awditu, aħna analizzajna l-isforzi li saru mis-SEAE biex jimmonitorja r-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE f'livell ċentralizzat u biex jittraċċa l-implimentazzjoni tagħhom fil-pajjiżi ospitanti. Is-sensibilizzazzjoni, fil-livell ċentrali, dwar il-progress li sar jgħin biex attivitajiet ta' segwitu fil-futur jiġu mmirati aħjar. F'dan il-kuntest, aħna vvalutajna wkoll l-identifikazzjoni tal-aħjar prattika u l-proċessi ta' tagħlimiet meħuda li hemm stabbiliti.

Ma hemmx depożitarju ċentralizzat għar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE

99. Minħabba l-mobbiltà tal-persunal, il-MOE tal-UE jibqgħu qasam partikolarment diffikultuż fir-rigward tal-preservazzjoni tal-memorja istituzzjonali. Pereżempju, huwa relattivament rari li membru tal-persunal jibqa' fl-istess Delegazzjoni tal-UE għal żewġ elezzjonijiet konsekuttivi. Id-Diviżjoni tas-SEAE għad-Demokrazija u l-Osservazzjoni Elettorali tipprovdi punt fokali importanti għall-osservazzjoni elettoralis fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE⁵⁶.

100. Barra minn hekk, billi l-MEP jiġi nnominat temporanjament bħala l-Osservatur Kap u billi l-esperti tat-Tim Ewlieni jiġu rreklutati għal MOE waħda tal-UE kull darba, hemm ħtieġa qawwija li x-xogħol imwettaq jiġi ddokumentat u maħżun f'livell ċentrali għal referenza fil-

⁵⁶ Preċedentement, aħna kkritikajna n-nuqqas ta' dan il-punt fokali fir-Rapport Speċjali Nru 4/96.

futur. L-attivitajiet tal-MOE tal-UE huma rrapportati f'rapporti *interim*, rapporti interni u rapporti dwar iż-żjarat ta' ritorn. Madankollu, dawn ir-rapporti ma fihomx biżżejjed dettall dwar il-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati.

101. Lura fl-2012, studju kkummissjonat mill-Parlament Ewropew issuġġerixxa li għandu jkun hemm stabbilita database biex tiżgura t-traċċar ċentrali tal-istatus ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet⁵⁷. Madankollu, għadu ma jeżistix depożitarju ċentralizzat għar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE.

102. Il-proġett EODS għandu sit web b'arkivju estensiv. Dan jista' jimmitiga l-impatt tal-mobbiltà tal-persunal peress li jiffunzjona b'ħala alternattiva għall-memorja istituzzjonali interna. L-esperti tal-proġetti jħarrġu lit-Timijiet Ewlenin u lil osservaturi oħra sabiex jibnu l-kapaċità u l-metodoloġija tal-osservazzjoni elettorali tal-UE.

103. Billi ma hemmx depożitarju ċentralizzat għar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE, l-esperti tat-Timijiet Ewlenin li jħejju rakkomandazzjonijiet ġodda dwar suġġetti simili ma għandhomx aċċess faċli għar-rakkomandazzjonijiet skont il-pajjiż u/jew it-tema. L-istess jgħodd għal kollegi f'istituzzjonijiet oħra tal-UE li għandhom interess partikolari fil-pajjiż.

104. B'ħala eżempju wieħed, l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS) stabbiliet database ta' dan it-tip għall-ħżin ta' rakkomandazzjonijiet. L-utenti tad-database jistgħu jfittxu skont il-pajjiż, is-sena, u t-tmien oqsma tematiċi li ġejjin: ġustizzja elettorali, midja, finanzjament politiku, organizzazzjoni elettorali, is-sessi, gruppi mhux irrappreżentati biżżejjed, teknoloġija elettorali, kif ukoll is-sistema politika u l-ordinament ġuridiku.

Ma hemmx valutazzjoni sistematika tal-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet

105. Aħna vvalutajna wkoll jekk is-SEAE ivvalutax u ddokumentax b'mod regolati l-istatus ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE.

⁵⁷ Il-Parlament Ewropew, "Study - Following up on recommendations of EU election observation missions" (Studju - Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE), 2012, p. 17-18.

106. Kien diġà fl-2014 li s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni rrapporta li jenħtieġ li jkun hemm segwitu ċentrali robust tar-rakkomandazzjonijiet. Huwa ssuġġerixxa wkoll li d-Delegazzjonijiet tal-UE għandhom jirrapportaw lis-SEAE u lill-FPI dwar ir-rispons li l-pajjiżi ospitanti jagħtu għar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE⁵⁸.

107. Attwalment, ir-rapport tal-ExM huwa l-uniku post fejn valutazzjoni tal-istatus ta' implimentazzjoni hija meħtieġa sistematikament. Għar-rapporti kollha tal-ExM, is-SEAE jipprovidi mudell bi grilja strutturata għall-valutazzjoni tal-istatus ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti kollha tal-MOE tal-UE għal dak il-pajjiż, wieħed wieħed. Madankollu, kif inhu spjegat fil-**paragrafu 5**, jenħtieġ li jiġi osservat il-fatt li l-iskop prinċipali tar-rapporti tal-ExM mhuwiex li jkun hemm valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti. L-ExMs iservu bħala bażi biex jiġi deċiż jekk għandhiex titwettaq MOE tal-UE jew le.






108. Fi tlieta mill-pajjiżi koperti mill-awditu (il-Ghana 2016, il-Ġordan 2016 u n-Niġerja 2015), il-grilja fir-rapport tal-ExM ma kinitx imtliet. Minflok, ir-rapporti kien fihom paragrafu b'deskrizzjoni ġenerali tal-istatus ta' implimentazzjoni. Għas-Sri Lanka, il-grilja kienet imtliet iżda l-ebda analiżi komprensiva ma kienet twettqet. B'riżultat ta' dan, ir-rapportar fl-erba' pajjiżi kollha ma kienx komprensiv, u pprova sommarju aktar milli valutazzjoni ddetaljata tal-istatus ta' implimentazzjoni. Għalhekk, aħna nikkonkludu li l-ExMs tilfu l-opportunità li jivvalutaw l-istatus ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti. Filwaqt li l-istatus ta' implimentazzjoni ma ġiex ivvalutat fir-rapporti tal-ExM, aħna ltqajna ma' eżempji ta' valutazzjonijiet bħal dawn f'dokumenti oħra. Pereżempju, l-EFM tal-2014 fin-Niġerja wettqet analiżi ta' dan it-tip.

109. Fil-Ġordan, il-proġett ta' assistenza elettoralj ffinanzjat mill-UE u implimentat mill-UNDP jista' jservi ta' eżempju rilevanti ta' kif valutazzjoni bħal din tista' ssir. Bejn Marzu 2016 u Jannar 2017 tnejn erba' rapporti li jivvalutaw l-istatus ta' implimentazzjoni ta' kull waħda mir-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE tal-2013. Bl-użu ta' sistema ta' dawl tat-traffiku għall-valutazzjoni tal-istatus ta' implimentazzjoni (ara l-**Figura 3**), dan il-"proġett ta' traċċar" jipprovidi lid-Delegazzjoni tal-UE f'Amman u lis-SEAE fi Brussell b'ħarsa ġenerali lejn il-

⁵⁸ Is-Servizz tal-Awditjar Intern, l-ittra dwar il-ġestjoni tal-awditjar tal-MOE, 10.4.2014, p. 6.

progress li hija f'waqtha u ddettaljata. Skont l-UNDP, il-proġett juża metodoloġija flessibbli u għalhekk, potenzjalment, jista' jiġi rreplikat f'pajjiżi oħra. Il-proġett analizza wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-2016 bil-ħsieb li jiffaċilita l-implimentazzjoni tagħhom qabel l-elezzjonijiet lokali f'Awwissu 2017.

Figura 3 – Klassifikazzjoni tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE tal-2013 fil-Ġordan

	<p><i>Inkiseb progress pożittiv.</i> Il-kwistjoni identifikata mir-rakkomandazzjoni ġiet indirizzata bis-sħiħ mil-leġiżlazzjoni jew mill-implimentazzjoni.</p>
	<p><i>Inkiseb Progress Limitat.</i> Il-kwistjoni identifikata ġiet indirizzata parzjalment fil-leġiżlazzjoni jew mill-implimentazzjoni, iżda jen ħtieġu passi ulterjuri biex il-kwistjoni tiġi indirizzata kompletament.</p>
	<p><i>Ma nkiseb l-ebda progress.</i> Il-kwistjoni identifikata ma ġietx indirizzata mil-leġiżlazzjoni jew mill-implimentazzjoni; madankollu, jista' jinkiseb progress jekk jittieħdu passi ulterjuri.</p>
	<p><i>Kien hemm Progress Negattiv.</i> Bil-leġiżlazzjoni l-ġdida, l-implimentazzjoni tal-kwistjoni identifikata saret aktar problematika.</p>
	<p><i>Ir-Rakkomandazzjoni Ma Għadhiex Rilevanti.</i> Il-kwistjoni identifikata kienet kundizzjonali fuq kwistjonijiet li ma għadhomx rilevanti għall-qafas elettorali.</p>

Sors: Proġett iffinanzjat mill-UE u implimentat mill-UNDP: "Support to the Electoral Cycle in Jordan" (Appoġġ għaċ-Ċiklu Elettorali fil-Ġordan).

110. Filwaqt li hemm inizjattivi li jivvalutaw l-istatus ta' implimentazzjoni, ma hemm l-ebda proċess kontinwu stabbilit li permezz tiegħu titwettaq analiżi sistematika wara kull MOE tal-UE. Is-SEAE spjega li d-Delegazzjonijiet tal-UE ġeneralment ma għandhomx biżżejjed persunal, u xi kultant ma jkollhomx l-għarfien approfondit meħtieġ biex jivvalutaw ir-riforma elettorali fil-pajjiż.

111. Kultant, l-istatus ta' implimentazzjoni jiġi vvalutat fi proġetti ta' assistenza elettorali ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp jew mill-Istrument Ewropew ta' Viċinat, iżda dan

mhuwiex il-każ fil-pajjiżi ospitanti kollha tal-MOE tal-UE li jibbenefikaw mill-assistenza elettorali.

112. F'Ġunju 2017, id-DĠ NEAR approva proġett taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni⁵⁹ biex jivvaluta l-livell ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet (primarjament mill-MOE tal-ODIHR⁶⁰) fil-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali fil-Balkani tal-Punent.

113. Sabiex tkejjel il-prestazzjoni tal-MOE tal-UE inġenerali, il-Kummissjoni tuża indikaturi li huma stipulati fil-Programm indikattiv pluriennali⁶¹. Dawn huma indikaturi tal-output, bħall-għadd ta' osservaturi mħarrġa. Madankollu, ma hemm l-ebda indikatur ċar tar-riżultat għall-MOE tal-UE li jippermettu li l-Kummissjoni tkejjel il-prestazzjoni tagħhom. Il-kwalità mhux uniformi tal-indikaturi tar-riżultati fil-livell tal-istrumenti ġiet osservata wkoll f'evalwazzjoni reċenti dwar l-EIDHR⁶².

Twettaq eżerċizzju ta' Prattika Tajba reċentement, iżda l-proċess ta' tagħlimiet meħuda ma jkoprix is-segwitu sistematikament

114. F'Ġunju 2017, is-SEAE ippubblika x-xogħol tiegħu “Beyond Election Day” (Wara Jum l-Elezzjoni). Dan jipprovdi l-ewwel ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-għodod stabbiliti għas-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE. Id-dokument mhux biss jispjega, b'mod approfondit, l-għodod li jinsabu għad-dispożizzjoni tal-UE, iżda jipprovdi wkoll għadd kbir ta' eżempji ta' Prattika Tajba f'kuntasti differenti u juri varjetà ta' modi ta' kif is-segwitu jista' jitrawwem. Id-dokument se jservi ta' sors ta' informazzjoni għal dawk li, bħad-Delegazzjoni tal-UE, huma inkarigati mir-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE li ġejjin.

⁵⁹ Support to the follow-up of electoral recommendations in the Western Balkans (Appoġġ għas-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet fil-Balkani tal-Punent), referenza: IPA 2016/039-858.12/MC/Elections.

⁶⁰ L-uniċi eċċezzjonijiet huma l-MOE tal-UE għall-Kosovo fl-2013 u fl-2014.

⁶¹ Il-Programm indikattiv pluriennali tal-EIDHR għall-2014-17, l-Anness I, p. 30.

⁶² Valutazzjoni Esterna tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, (2014 – nofs l-2017), ir-Rapport Finali, Ġunju 2017, il-Volum 1 – ir-Rapport Prinċipali, p. 42.

115. Wara kull MOE tal-UE, jitwettaq eżerċizzju relatat mat-tagħlimiet meħuda. Dan l-eżerċizzju, immaniġġjat mill-FPI, huwa sistematiku u jkopri l-aspetti loġistiċi u ta' sigurtà kollha tal-missjoni. Barra minn hekk, wara kull MOE tal-UE, is-sede tas-SEAE torganizza laqgħa ta' informazzjoni mat-Tim Ewlieni biex jiġu diskussi l-kontenut tar-rapport finali tal-MOE tal-UE, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet. Dawn il-laqgħat jistgħu jindirizzaw kwistjonijiet metodoloġiċi, iżda jseħħu qabel ma r-rapport jiġi ffinalizzat u ma jiġux iddokumentati għal referenza futura.

116. Flimkien mal-EODS, is-SEAE regolarment jorganizza seminars dwar it-tagħlimiet meħuda fir-rigward tal-aspetti metodoloġiċi, l-aktar reċentement f'April 2017.

117. F'April 2016, is-SEAE talab input mid-Delegazzjonijiet tal-UE li kienu ospitaw MOE tal-UE, rigward l-azzjoni tagħhom biex jappoġġaw segwitu għar-rakkomandazzjonijiet. Jekk ikun standardizzat u jitwettaq regolarment, eżerċizzju bħal dan għandu l-potenzjal li jservi ta' punt tat-tluq għall-kondiviżjoni ta' tagħlimiet meħuda mill-attivitajiet ta' segwitu fid-Delegazzjonijiet kollha tal-UE. Madankollu, filwaqt li dawn ir-rapporti kienu utli u għenu biex tingħata ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali f'ċertu punt fiż-żmien, huma kienu inkonsistenti fil-livell ta' dettall li pprovdew.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET

118. Aħna nikkonkludu li s-SEAE u l-Kummissjoni għamlu sforzi raġonevoli biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-MOE tal-UE bl-użu tal-għodod li kienu hemm għad-dipożizzjoni tagħhom. Minkejja dan, jistgħu jsiru ċerti aġġustamenti għall-proċess biex dan l-appoġġ ikompli jissaħħaħ. Għalhekk, aħna qed nagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet lis-SEAE.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE tjebru fi snin reċenti, iżda aktar konsultazzjoni hija meħtieġa fuq il-post

119. Ir-rapporti finali u l-preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tjebru fi snin reċenti, wara l-introduzzjoni tal-linji gwida tas-SEAE dwar l-abbozzar. Dan probabbilment jiffa ċilita l-kumparabbiltà fuq tul ta' żmien fil-futur. Madankollu, hemm oqsma fejn il-linji gwida ma jiġux segwiti. Barra minn hekk, ir-rapporti mhumiex konsistenti meta jirreferu għal medda ta'

żmien għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Minbarra dan, it-Tim Ewlieni ma huwiex meħtieġ jiddokumenta l-bażi loġika wara l-prijoritizzazzjoni (ara l-**paragrafi 41 sa 55**).

120. It-Timijiet Ewlenin iddiskutew, b' mod estensiv, kwistjonijiet relatati mar-rakkomandazzjonijiet mal-partijiet interessati fil-pajjiżi ospitanti qabel Jum l-Elezzjoni, iżda la ddokumentaw l-eżitu ta' dawn il-laqgħat u lanqas ma kkondividew in-noti tagħhom mal-kwartieri ġenerali tas-SEAE. Il-MOE tal-UE koperti mill-awditu kkonsultaw lis-SEAE u, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, lid-Delegazzjonijiet tal-UE, iżda ma kkonsultawx lill-partijiet interessati fil-pajjiżi ospitanti dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet (ara l-**paragrafi 56 sa 62**).

121. Wara l-preżentazzjoni tar-rapport finali, f' kull pajjiż saru diskussjonijiet madwar mejda mal-partijiet interessati, u fil-biċċa l-kbira kienu inklużivi. Madankollu, dawn ġew skedati kmieni wisq wara l-konferenza stampa biex il-parteciċipazzjoni jkunu jistgħu jsiru familjari mal-kontenut tar-rapport finali u mar-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Barra minn hekk, hemm biss linji gwida limitati li huma stabbiliti għall-organizzazzjoni taż-żjara ta' ritorn (ara l-**paragrafi 63 sa 66**).

Intużaw djalogu politiku u assistenza elettorali b'ħala għodod għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, iżda l-EFMs ma twettqux spiss daqs kemm setgħu

122. F' diskussjonijiet politiċi mal-awtoritajiet tal-pajjiżi ospitanti, id-Delegazzjonijiet tal-UE qajmu kwistjonijiet li kienu inklużi fir-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE. Iżda għad hemm lok biex l-attivitajiet relatati mad-djalogu politiku jkomplu jżiedu, peress li aħna osservajna rieda biex tiġi diskussa l-implimentazzjoni possibbli tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE fil-parlamenti tal-pajjiżi ospitanti (ara l-**paragrafi 71 sa 83**).

123. In-Niġerja kienet l-uniku pajjiż fil-kampjun li fih twettqet EFM, u d-Delegazzjoni tal-UE qisitha b'ħala f' waqtha u utli. Fil-pajjiżi l-oħra koperti mill-awditu, il-maġġoranza vasta tal-partijiet interessati nazzjonali intervistati laqgħu b' mod pożittiv il-possibbiltà ta' EFM bejn l-elezzjonijiet, biex titqajjem sensibilizzazzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet permezz ta' laqgħat b'viżibbiltà għolja. L-EFMs ma jinvolvux spejjeż sostanzjali, iżda s-segwitu jkun jibbenefika ħafna minnhom li kieku jintużaw aktar frekwentement (ara l-**paragrafi 84 sa 88**).

124. Aħna sibna għadd kbir ta' każijiet fejn kien possibbli li ssir rabta bejn l-assistenza elettorali u r-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE, u fejn il-Kummissjoni kienet qieset ir-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE meta fasslet il-programmi. Dan saħħaħ il-komplementarjetà bejn l-osservazzjoni elettorali u l-assistenza elettorali (ara l-**paragrafi 89 sa 97**).

Ma teżistix stampa ġenerali ċentralizzata tar-rakkomandazzjonijiet u l-istatus ta' implimentazzjoni tagħhom

125. Minħabba n-natura indipendenti tal-MOE tal-UE u l-mobbiltà tal-persunal fid-Delegazzjonijiet tal-UE u fis-SEAE, hemm ħtieġa qawwija li l-memorja istituzzjonali tiġi ppreservata permezz ta' mezzi oħra. Ma hemmx depożitarju ċentralizzat għall-ħżin tar-rakkomandazzjonijiet, sabiex ikunu faċilment aċċessibbli għall-esperti tat-Timijiet Ewlenin jew għall-persunal tal-UE (ara l-**paragrafi 99 sa 104**).

126. Filwaqt li sibna eżempji tajbin ta' xogħol li jittraċċa l-istatus ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, ma kienx hemm proċess sistematiku għall-valutazzjoni u l-ħżin regolari tad-dettalji dwar l-istatus (ara l-**paragrafi 105 sa 113**).

127. Reċentement, is-SEAE wettaq xogħol komprensiv biex jelenka l-għodod stabbiliti u biex jiġbor l-aħjar Prattika għas-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE, iżda ma hemmx proċess sistematiku ta' tagħlimiet meħuda għaddej biex jingħata segwitu (ara l-**paragrafi 114 sa 117**).

Rakkomandazzjoni 1 - Linji gwida dwar l-abbozzar

Jenħtieġ li s-SEAE:

- jżgura, permezz ta' kontroll sistematiku tal-kwalità fuq il-format tar-rapport finali qabel dan jiġi ppubblikat, li l-MOE tal-UE jsegwu l-linji gwida dwar l-abbozzar kif ukoll il-mudell għalih;
- jaġġorna l-linji gwida dwar l-abbozzar biex jitolbu li l-MOE tal-UE jiddokumentaw il-bażi loġika wara l-prijoritizzazzjoni u li jiddiskutu mal-partijiet interessati dwar medda ta' żmien (fil-qosor, medja, jew fit-tul) għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

Perjodu ta' żmien: Tmiem l-2018.

Rakkomandazzjoni 2 - Konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati

Jenħtieġ li s-SEAE:

- jżgura sistematikament li t-Tim Ewlieni jikkonsulta l-partijiet interessati fil-pajjiż ospitanti dwar ir-rakkomandazzjonijiet qabel ma r-rapport jiġi ffinalizzat;
- jitlob li l-eżitu tal-konsultazzjonijiet tal-MOE tal-UE mal-partijiet interessati jiġu ddokumentati u maħżuna ċentralment.

Perjodu ta' żmien: Nofs l-2018.

Rakkomandazzjoni 3 - Żjarat ta' ritorn u diskussjonijiet madwar mejda

Jenħtieġ li s-SEAE:

- jiċċara r-rwoli u r-reponsabbiltajiet għall-organizzazzjoni taż-żjara ta' ritorn;
- jiżgura li d-diskussjoni madwar mejda mal-partijiet interessati tiġi skedata mill-inqas erbat ijiem tax-xogħol wara r-rilaxx tar-rapport, biex b'hekk il-parteċipanti jkollhom biżżejjed żmien isiru familjari mar-rapport u mar-rakkomandazzjonijiet tiegħu qabel il-laqgħa.

Perjodu ta' żmien: Nofs I-2018.

Rakkomandazzjoni 4 - Irfinar tal-għodda

Jenħtieġ li s-SEAE:

- jirreferi, fil-Memoranda ta' Qbil, għall-fatt li l-MOE tal-UE li jkun se jsir se jippreżenta xi rakkomandazzjonijiet, u jenfasizza l-importanza tagħhom;
- meta possibbli, iwettaq EFMs fil-pajjiżi li ospitaw MOE tal-UE, fi żmien adatt bejn l-elezzjonijiet, dment li s-sitwazzjoni politika jew tas-sigurtà fil-pajjiż ospitanti tkun tippermetti li dan isir.

Perjodu ta' żmien: Il-bidu tal-2019.

Rakkomandazzjoni 5 - Monitoraġġ u riżultati

Jenħtieġ li s-SEAE:

- jistabbilixxi depożitarju ċentralizzat għar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE;
- jittraċċa l-progress rigward l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE fuq bażi regolari;
- fil-kuntest tal-koordinazzjoni tal-UE, jitlob lid-Delegazzjonijiet tal-UE biex jirrapportaw, regolarment, dwar l-attivitajiet imwettqa fil-pajjiżi ospitanti għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Jenħtieġ li dan jalimenta proċess ta' tagħlimiet meħuda dwar is-segwitu.

Perjodu ta' żmien: Il-bidu tal-2019.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla III, immexxija mis-Sur Karel PINXTEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu, fil-laqgħa tagħha tas-16 ta' Novembru 2017.


Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner LEHNE

President




Mappa tal-MOE tal-UE

Mis-sena 2000 'il hawn, l-UE wettqet Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali f'66 pajjiż madwar id-dinja



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq il-Manwal.

Graffs dwar il-valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet



ANNEX III**Flus ġenerali lejn il-proġetti ta' assistenza elettoralj fil-Ghana, fil-Ġordan, fin-Niġerja u fis-Sri Lanka**

Pajjiż	Proġett	Strument ta' finanzjament	Allokazzjoni mill-UE (EUR)	Perjodu ta' implimentazzjoni	Total għal kull pajjiż (ammont arrotondat ta' euro)
Il-Ghana					
	Appoġġ għal Istituzzjonijiet Indipendenti tal-Gvern li huma involuti fil-proċess elettoralj (2010)	FEŻ ⁶³	11 500 000	2010-2018	
	Appoġġ għal Istituzzjonijiet Indipendenti tal-Gvern li huma involuti fil-proċess elettoralj (2015)	FEŻ	5 000 000	2015-2022	
	Strengthening Transparency, Accountability and Responsiveness (STAR-Ghana) programme (Programm ta' Tisħiħ tat-Trasparenza, tal-Obbligu ta' Rendikont u tal-Kapaċità ta' Rispons (STAR-Ghana))	FEŻ	3 100 000	2011-2020	
	Strengthening Transparency, Accountability and Responsiveness in Ghana: -Star Ghana II (Tisħiħ tat-Trasparenza, tal-Obbligu ta' Rendikont u tal-Kapaċità ta' Rispons fil-Ghana: Star Ghana II)	FEŻ	2 800 000	2016-2020	
	Support to National Commission for Civic Education 2014-16 (Appoġġ għall-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ċivika 2014-16)	IcSP ⁶⁴	100 000	2014-2018	

⁶³ Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ).

⁶⁴ L-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP).

	"Building and Consolidating National Capacities for Conflict Prevention" (Bini u Konsolidazzjoni tal-Kapaċitajiet Nazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Kunflitt)	IcSP	370 000	2015-2019	
	Support to enhancing women's participation in elections (Appoġġ għat-tiŝiħ tal-parteċipazzjoni tan-nisa fl-elezzjonijiet)	EIDHR	2 400 000	2010-2014	
	Support to Credible Elections, Peace and National cohesion (Appoġġ għal Elezzjonijiet Kredibbli, għall-Paċi u għall-Koeżjoni nazzjonali)	EIDHR	300 000	2010-2014	
	Promoting electoral integrity in Ghana – 2016 and beyond (Promozzjoni tal-integrità elettoral fil-Ghana – l-2016 u wara)	EIDHR	290 000	2016-2020	
Total għall-Ghana:					25 860 000
II-Ġordan					
	Support for Partnership Reform and Inclusive Growth (Appoġġ għar-Riforma fis-Sħubija u Tkabbir Inkluziv) (SPRING)	ENPI ⁶⁵	5 000 000	2012-2017	
	Support to the Electoral Cycle in Jordan (Appoġġ għaċ-Ċiklu Elettorali fil-Ġordan)	ENPI	2 000 000	2012-2017	
	Support to Democratic Governance (Appoġġ għall-Governanza Demokratika)	ENPI	10 000 000	2011-2019	
	Enhanced Support to Democratic Governance in Jordan (Appoġġ Imsaħħaħ għall-Governanza Demokratika fil-Ġordan)	ENI ⁶⁶	15 000 000	2017-2021	
	Domestic Electoral Observation of the 2016 Parliamentary Elections in Jordan (Osservazzjoni Elettorali Domestika tal-Elezzjonijiet Parlamentari tal-2016 fil-Ġordan)	EIDHR	300 000	2016 (2.5 xahar)	
Total għall-Ġordan:					32 300 000

⁶⁵ L-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI, użat matul l-2007-14).

⁶⁶ L-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI).

In-Niġerja					
	EC-UNDP Partnership, Support to the Electoral Cycle, Phase II (Shubija bejn il-KE u l-UNDP, Appoġġ għaċ-Ċiklu Elettorali, il-Fażi II)	FEŻ	16 000 000	2009-2011	
	Support to Nigeria's Electoral Cycle 2012-15 (Appoġġ għaċ-Ċiklu Elettorali tan-Niġerja 2012-2015)	FEŻ	20 000 000	2012-2015	
	Additional Support to Nigeria's Electoral Cycle (Appoġġ Addizzjonali għaċ-Ċiklu Elettorali tan-Niġerja)	FEŻ	15 000 000	2014-2015	
	Mitigation of Violence in Elections (Mitigazzjoni tal-Vjolenza fl-Elezzjonijiet)	IcSP	1 000 000	2014-2015	
	Skeda Informattiva ta' Azzjoni "EU Support to Democratic Governance in Nigeria" (Appoġġ mill-UE għall-Governanza Demokratika fin-Niġerja) (UE-SDGN), appoġġ għaċ-ċiklu elettorali li għadu għaddej, inklużi l-elezzjonijiet ġenerali tal-2019	FEŻ	26 500 000	2016-2020	
Total għan-Niġerja:					79 000 000
Is-Sri Lanka					
	Support to local observers (Appoġġ għall-osservaturi lokali)	IcSP	1 200 000	2015-2017	
Total għas-Sri Lanka:					1 200 000

TWEĠIBIET TAS-SEAE/IS-SERVIZZI TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

“MISSJONIJIET TA’ OSSERVAZZJONI ELETTORALI — SARU SFORZI BIEX JINGĦATA SEGWITU GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET IŻDA HUWA MEĦTIEĠ MONITORAĠĠ AĦJAR”

SOMMARJU EŻEKUTTIV

VI.

Dwar it-tieni punt: Il-partijiet konċernati se jiġu kkonsultati sistematikament dwar il-kontenut ġenerali tar-rakkomandazzjonijiet (mhux dwar l-abbozzar speċifiku tar-rakkomandazzjonijiet sabiex ma tiġix ippreġudikata l-indipendenza tar-rapport).

Dwar ir-raba’ punt: Is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni huma impenjat li jsaħħu s-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE permezz ta’ taħlita ta’ għodod li jvarjaw minn EFMs, għal assistenza elettoral, għal dialogu politiku, fost oħrajn.

Dwar il-ħames punt: Il-Kummissjoni se tftitex li tipprovdi l-mezzi finanzjarji biex jiġi stabbilit depożitarju ċentralizzat fejn jinżammu r-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE.

OSSERVAZZJONIJIET

66. It-termini ta’ referenza tal-MOE tal-UE se jiġu mmodifikati biex jinkludu aktar informazzjoni dwar iż-żjara ta’ ritorn. Madankollu, it-tajming taż-żjara ta’ ritorn dejjem se jkun jiddependi fuq is-sitwazzjoni politika fil-pajjiż u fuq id-disponibbiltà tal-uffiċjal kap.

Kaxxa 1 — Eżempji tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE marbuta mal-assistenza elettoral tal-UE

Eżempju tajjeb ieħor ta’ assistenza kkoordinata huwa l-każ tal-Ġordan, fejn ir-rakkomandazzjonijiet qed jiġu segwiti f’qafas wiesa’ permezz ta’ EUR 17,6 miljun mill-programm komprensiv għall-governanza demokratika: “Appoġġ Imsaħħaħ għall-Governanza Demokratika fil-Ġordan” li jippreżenta approċċ integrat għall-appoġġ għad-demokrazija bl-għan li jingħata kontribut aktar b’koeżiv lejn l-implimentazzjoni tal-firxa wiesgħa ta’ rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE fl-2013 u fl-2016 (li jmur lil hinn minn sempliċi aspetti tekniċi marbuta mal-elezzjonijiet).

114. Fi sforz biex ittejjeb l-mod kif taħdem u l-kwalità tar-riżulta li tagħti, il-Kummissjoni żviluppat manwal dwar l-indikaturi tar-riżultati. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni se tiżviluppa indikaturi tar-riżultati speċifiċi għall-osservazzjoni elettoral li jeħtieġ, madankollu, li jiġi interpretat fl-isfond tad-diffikultajiet inerenti fil-kejl tal-impatt tal-osservazzjonijiet elettoral u n-nuqqas ta’ xogħol akkademiku affidabbli f’dan il-qasam.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

Rakkomandazzjoni 1 — Linji gwida tal-abbozzar

- Is-SEAE jaċċetta din ir-rakkomandazzjoni.
- Is-SEAE jaċċetta din ir-rakkomandazzjoni filwaqt li jenfasizza li l-loġika wara l-prijoritizzazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet se tiġi dokumentata mill-MOE tal-UE u l-medda taż-żmien se tiġi diskussa mal-partijiet konċernati fil-qafas tad-diskussjonijiet dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

Rakkomandazzjoni 2 — Konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati

- Is-SEAE jaċċetta din ir-rakkomandazzjoni filwaqt li jenfasizza li l-partijiet konċernati se jiġu kkonsultati sistematikament dwar il-kontenut ġenerali tar-rakkomandazzjonijiet (mhux dwar l-abbozzar speċifiku ta' rakkomandazzjonijiet sabiex ma tiġix ippreġudikata l-indipendenza tar-rapport).
- Is-SEAE jaċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Din il-kwistjoni se tissemma fil-briefings lit-Tim Ċentrali qabel jinb dew biex jiġi żgurat li l-MOE żżomm rekord ta' kwalunkwe punt sustanzjali li joħroġ mill-konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati.

Rakkomandazzjoni 3 — Żjarat ta' ritorn u laqgħat ta' diskussjoni

- Is-SEAE jaċċetta din ir-rakkomandazzjoni. It-termini ta' referenza tal-MOE tal-UE se jiġu mmodifikati biex jinkludu aktar informazzjoni dwar iż-żjara ta' ritorn.
- Is-SEAE jaċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Rakkomandazzjoni 4 — Irfinar tal-għodod

- Is-SEAE jaċċetta din ir-rakkomandazzjoni.
- Is-SEAE jaċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni huma impenjat li jsaħħu s-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE permezz ta' taħlita ta' għodod li jvarjaw minn EFMs, għal assistenza elettorali, għal djalogu politiku, fost oħrajn.

Rakkomandazzjoni 5 — Monitoraġġ u riżultati

- Is-SEAE u l-Kummissjoni jaċċettaw din ir-rakkomandazzjoni. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jfittxu li tipprovdi l-mezzi finanzjarji biex jiġi stabbilit depożitarju ċentralizzat fejn jinżammu r-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE.
- Is-SEAE jaċċetta din ir-rakkomandazzjoni.
- Is-SEAE jaċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Avveniment	Data
Adozzjoni tal-Memorandum ta' Ppjanar tal-Awditjar (APM) / Bidu tal-awditu	24.1.2017
L-abbozz ta' analiżi jintbagħat uffiċjalment lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	28.9.2017
Adozzjoni tar-rapport finali wara l-proċedura kontradittorja	16.11.2017
Ir-risposti uffiċjali tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jaslu bil-lingwi kollha	15.12.2017

I-UE tosserva elezzjonijiet li jsiru madwar id-dinja kollha bħala mezz biex tippromwovi d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. Madwar xahrejn wara Jum l-Elezzjoni, il-missjonijiet ta' osservazzjoni jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-pajjiż ospitanti bil-ħsieb li jsir titjib fil-qafas elettorali tiegħu. Aħna vvalutajna l-appoġġ li ġie pprovdut għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet f'erba' pajjiżi: il-Ghana, il-Ġordan, in-Niġerja u s-Sri Lanka. Aħna sibna li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-Kummissjoni kienu għamlu sforzi raġonevoli biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet bl-użu tal-għodod li kellhom għad-dipożizzjoni tagħhom. Minkejja dan, jeħtieġ li jkun hemm aktar konsultazzjoni fuq il-post u li l-missjonijiet ta' segwitu jitwettqu aktar ta' spiss. Fl-aħħar nett, la teżisti stampa ġenerali ċentralizzata tar-rakkomandazzjonijiet u lanqas ma ssir valutazzjoni sistematika tal-istatus ta' implimentazzjoni tagħhom. Il-Qorti tagħmel għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex isir aktar titjib f'dawn l-aspetti.

40
1977-2017



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

©Unjoni Ewropea, 2017.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.